# MALTA

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 185**
**It-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 185**
**It-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 185**

**It-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023**

## WERREJ


MINUTI ........................................ 163

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ........................................ 163

MISTOQSIJIET - TWEĠIBIET ORALI ........................................ 163

TQEGĦID TA' KARTI ........................................ 169

MOZZJONIJIET
ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-ATT DWAR
IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (L-Ewwel Qari) ........................................ 169

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (L-Ewwel Qari) ........................................ 170

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPJIEGI U 170
R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2) (It-Tieni Qari)
EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS
(AMENDMENT NO. 2) BILL (Second Reading) ........................................ 170

AĠĠORNAMENT ........................................ 190

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........................................ 196

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 184, li saret fid-29 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 28 li saret lis-Sedja mill-Onor. Graziella Galea dwar Responsabblità Ministerjali għal Mistoqsijiet Parlamentari.

**L-ISPEAKER:** Ngħaddu issa għall-mistoqsijiet parlamentari. L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, qed nifhem li l-Ministru Aaron Farrugia jinsab imsiefer fuq xogħol u allura mhux se jkun qed iwieġeb id-domandi, hux hekk?

**L-ISPEAKER:** Diġà għedtha inti, Onor. Cutajar, jiġifieri m'għandix għalfejn ngħidlek. Il-Ministru jinsab imsiefer fuq xogħol. Nista' nikkonfermalek jien għax għandi l-korrispondenza rilevanti.

## MISTOQSIJIET - TWEĠIBIET ORALI

### MALTA PUBLIC TRANSPORT - XUFIERA

**11889. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm xufiera jaħdmu mal-Malta Public Transport bħalissa?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal) (f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Ninsab informat mill-operatur tat-trasport pubbliku li n-numru ta' xufiera li jaħdmu mas-servizz tat-trasport pubbliku huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Fuq bażi full-time | 957 |
| Fuq bażi part-time | 87 |

### REVIEW BOARD TAT-TFAL - LAQGĦAT

**11890. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10656 fejn ġie kkonfermat li l-laqgħat tar-review board għat-tfal għadhom isiru online, issa li l-pandemija għaddiet, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex qed jiġi kkonsidrat li l-laqgħat isiru wiċċ imb wiċċ?

Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jiġi assigurat li l-vuċi tal-ġenituri, li wħud minnhom huma persuni vulnerabbli, ukoll qed tinstema' tajjeb permezz ta' dan il-metodu online?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Is-sistema użata għal laqgħat tar-review board mhux biss hija aktar effiċjenti, iżda huma l-ġenituri stess li huma aktar komdi jikkomunikaw online, hekk kif din is-sistema qed tiffaċilita li l-ġenituri jistgħu wkoll jitkellmu mal-bord mill-uffiċċju tal-avukat tagħhom.

Tajjeb insemmi wkoll li min m'għandux avukat jiġi offrut assistenza legali, u min ma jridx avukat u għandu diffikultà li jingħaqad online, jiġi assistit mill-ħaddiema soċjali tiegħu/tagħha.

Inżid ngħid li s-sessjonijiet online qed jiffaċilitaw li l-ġenituri jingħaqdu għas-seduti tal-bord meta dawn ma jkunux jistgħu jattendu fiżikament, bħal meta jkunu msefrin barra minn Malta jew f'każi li jkollok wieħed mill-ġenituri l-ħabs. Dawn is-sessjonijiet online qed jiffaċilitaw ukoll il-ħidma tal-avukati tal-ġenituri hekk kif l-avukati qed jiffrankaw l-iskariġġ minn post għall-ieħor.

Fl-aħħar nett irrid infakkar li s-sessjonijiet online isiru wara li l-partijiet involuti jkunu attendew case review.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal in-National Action Plan for a Child Guarantee 2022-2030 li ħabbar dan il-Gvern, li kien ukoll wegħda mniżżla fil-Manifest Elettorali?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, fl-2022 pajjiżna nieda n-National Action Plan for a Child Guarantee 2022-2030 li kien mitlub mill-Unjoni Ewropea, u s-sena d-dieħla rridu nagħtu wkoll update dwaru. Aħna mhux biss nidejna dan id-dokument għax huwa rikjest mill-Unjoni Ewropea imma għax nemmnu li jagħmel sens li jkollna wieħed. Huwa dokument li ġie mniedi fis-sena 2022 u li segwa n-National Children's Policy tal-2017. Ġimagħtejn ilu ħriġna wkoll konsultazzjoni pubblika għar-review ta' din in-National Children's Policy, liema konsultazzjoni għadha miftuħa sal-lum.

Dalgħodu saru preżentazzjonijiet dwar dak li sar minn mindu ġie mniedi dan in-National Action Plan mill-2022 'l hawn biex naraw jekk għamilniex xi ħaġa fuqu jew inkella ħallejniex dan id-dokument rieqed. Fil-fatt, bi pjaċir ninnota li mill-2022 sal-lum hemm 108 proposta minn dan in-National Action Plan li jew ġew imwettqa jew inkella qegħdin fil-proċess li jiġu mwettqa, u dawn huma mifruxin fuq diversi setturi, fosthom fuq il-benefiċċji soċjali, fuq l-għajnuna soċjali li noffru mill-Ministeru tagħna, kif ukoll fuq miżuri oħrajn li huma mifruxa f'Ministeri oħra, bħal dawk tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-akkomodazzjoni soċjali.

Ta' min jgħid li l-erba' pilastri prinċipali tan-National Action Plan for a Child Guarantee 2022-2030 huma l-ħarsien soċjali, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-housing adegwat. Kif għedt diġà, illum għamilna review ta' fejn wasalna u mbagħad is-sena d-dieħla nkunu rridu nippreżentaw rapport anke lill-Unjoni Ewropea biex nagħtu rendikont fuq dak li għamilna dwar dan in-national plan li jkunu għaddew sentejn minn fuqu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, nixtieq nagħmel mistoqsija dwar żewġ suġġetti għal qalbi li huma relatati ma' xulxin u li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru Michael Falzon, il-fostering u l-adozzjoni.

Jista' l-Ministru jaġġorna lil din il-Kamra dwar is-sitwazzjoni tal-fostering f'pajjiżna, anke jekk forsi jiftakar xi figuri li joħorġu minn dan il-qasam? U kien hemm xi sforz jew ċaqliq fir-rigward tal-adozzjonijiet minn pajjiżna? Naf li l-adozzjonijiet lokali mhumiex daqstant faċli u allura jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pajjiżi fejn il-Gvern Malti għadu qed jiffaċċja problema biex ikun hemm arranġamenti li niftħu aktar opportunitajiet f'aktar pajjiżi għal dawk il-koppji u l-individwi Maltin li jixtiequ jadottaw?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, l-ewwel nett se nitkellem dwar il-fostering għax forsi huwa suġġett daqsxejn inqas kumpless. F'pajjiżna kull tant żmien ikollna bejn 350 u 400 tifel u tifla li jgħaddu għal għand il-kura tal-Istat, u dan għal diversi raġunijiet li aħna m'aħniex qegħdin hawn biex niġġudikawhom. Dan in-numru huwa relattivament stabbli, għalkemm aktar ma jirnexxilna nnaqqsuh, aktar ikun aħjar.

Rigward il-fostering, l-aħħar figuri juru – u l-figuri li se nagħti huma riċenti għax xi ħmistax ilu kien hemm laqgħa tal-foster carers li attendejt għaliha – li madwar 57% ta' dawk it-tfal li jinsabu fil-kura tal-Istat huma fostered, jiġifieri jekk hemm 360 tifel u tifla li jinsabu fil-kura tal-Istat, 180 minnhom huma fostered. Kien hemm ċertu titjib fil-foster care allowance, u jien għall-inqas nemmen li jekk tifel jew tifla jħossuhom aktar komdi fi placement ma' foster carers, għandna nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nikkuntentawhom.

Issa jien u ngħid hekk bl-ebda mod ma qed innaqqas mill-mertu tad-djar residenzjali. Illum il-kelma "istituzzjoni" f'dan il-qasam saret tabù, jiġifieri llum nitkellmu dwar dar residenzjali, u jekk dar residenzjali jkollha aktar minn sitt itfal, it-tfal dejjem jinqasmu fi flatlets li kull wieħed minnhom ma jkollux aktar minn sitt itfal.

Issa fil-każ tal-adozzjonijiet is-sitwazzjoni hi xi ftit aktar kumplessa. Kif jaf l-Onor. Interpellant, meta daħħalna fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602, rajna kif niffaċilitaw l-adozzjonijiet. Pereżempju filwaqt li fil-passat foster carer kellu jkun ilu mill-inqas għaxar snin jiffosterja tifel jew tifla qabel ma seta' biss iressaq it-talba biex jadotta, jiġifieri prattikament tfulija sħiħa, illum bil-liġi dan il-perjodu naqas għal ħames snin. Mhux talli hekk, talli fejn jidher ċar li l-adozzjoni tkun fl-aħjar interess tal-minuri, il-qorti – għax fl-aħħar mill-aħħar l-adozzjoni dejjem trid id-digriet tal-qorti – tista' saħansitra tħalli foster carer jadotta tifel jew tifla wara tliet snin biss.

Jien personalment nixtieq nara ħafna aktar adozzjonijiet lokali però sfortunatament, jew minħabba ċ-ċokon ta' pajjiżna jew inkella għax min ikun se jadotta ma jkunx daqstant ħerqan li t-tifel jew it-tifla jmur lura għall-oriġini naturali tiegħu, in-numru ta' adozzjonijiet lokali mhuwiex daqstant kbir. Li nista' ngħid hu li permezz tal-liġi l-ġdida fl-aħħar qed ikollna numru ta' tfal li qegħdin jiġu ċeduti għall-adozzjoni, jiġifieri biex ngħid hekk, il-ġenituri naturali tagħhom qed iċedu d-drittijiet paterni u materni tagħhom fuq dak it-tifel jew tifla, u allura f'każijiet bħal dawn ikun aktar faċli li t-tifel jew it-tifla jiġu adottati.

Niġi issa għall-adozzjonijiet internazzjonali. Kif forsi jaf l-Onor. Interpellant ukoll, illum f'kull pajjiż ix-xejra hi li ma jkunux jixtiequ li t-tfal jiġu adottati minn barra minn dak il-pajjiż. Madankollu xorta waħda għandna pajjiżi minn fejn nadottaw, fosthom mill-Portugall, għalkemm fil-każ tal-Portugall waħda mill-kondizzjonijiet tal-adozzjoni hi li dak li jkun irid jadotta aktar minn tifel jew tifla waħda, jiġifieri hemm ċerta insistenza li wieħed irid jadotta żewġ jew tlett itfal. Ta' min jgħid ukoll li ġeneralment it-tfal jiġu mill-Portugall relattivament kbar għax ikollhom bejn tmien snin u għaxar snin. Madanakollu n-numru ta' tfal li jiġu mill-Portugall mhuwiex xi wieħed straordinarju.

Il-pajjiż li minnu kellna numru ikbar ta' adozzjonijiet kien l-Indja, u qed isir ċertu appell lil dawk li jixtiequ jadottaw biex jagħżlu dan il-pajjiż minħabba l-fatt li l-Indja tippermetti li tagħti tfal għall-adozzjoni anke ta' età relattivament żgħira, jiġifieri hawn qed nitkellmu fuq tfal ta' sentejn, tliet snin u xi drabi anke ta' età iżgħar. Diffikultajiet kien hemm, u l-pandemija tal-COVID-19 m'għenitx lanqas. Issa hawn irrid inkun sinċier u ngħid li n-numru attwali ta' adozzjonijiet li saru mhuwiex dak li nixtieq għax nixtieq nara aktar.

Li ma nistax nifhem hi r-reżistenza li hemm għall-adozzjonijiet lokali għax fl-aħħar mill-aħħar din hija vokazzjoni u, sfortunatament, bħalissa x-xejra hi li hemm ħafna reżistenza anke minn dawk il-pajjiżi minn fejn is-soltu jħalluna nadottaw. Każ partikolari huwa meta kont il-Kroazja fejn iltqajt ma' ministru mara li l-ewwel ħaġa li qaltli kienet li hi trid iġġib lill-Kroati lura l-Kroazja u mhux tagħtina aktar tfal biex jiġu adottati f'Malta.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Randolph De Battista, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RANDOLPH DE BATTISTA:** Sur President, il-mistoqsija tiegħi tirrigwarda l-pjaga tal-vjolenza domestika. Aktar kmieni din is-sena twaqqaf il-Multi-Agency Risk Assessment and Management Framework (MARAM) li jikkonsisti f'entitajiet differenti li ngħaqdu flimkien biex jgħinu lill-vittmi tal-vjolenza domestika kif ukoll lit-tfal tagħhom. Jista' l-Ministru jagħtina aġġornament dwar l-operat ta' din l-aġenzija u jgħid x'differenza qed tagħmel fil-ħajja ta' dawn il-vittmi kemm ilha topera?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, naħseb kulħadd jiftakar il-każ ta' Bernice Cassar – u qed insemmi isimha b'rispett u diqa – li ġab għall-konjizzjoni ta' pajjiż sħiħ fejn tista' tasal il-vjolenza domestika. Sfortunatament il-vjolenza domestika ssibha f'kull soċjetà. Hawn kulturi li, għal raġunijiet li jafu huma, huma aktar tolleranti lejn il-vjolenza domestika. Jien nibqa' nisħaq li kull vjolenza hija ħażina, u hawn m'iniex qed nirreferi biss għas-swat. Ovvjament il-femiċidju hu l-kulminu, għax m'hemmx fejn tmur aktar, imma li rrid ngħid jien hu li meta nitkellem fuq vjolenza domestika ma nkunx qed nirreferi biss għas-swat fiżiku imma wkoll għall-vjolenza

domestika emozzjonali u psikoloġika, fejn dak li jkun jiġi mgħajjar li mhu tajjeb jew tajba għal xejn u jsir ħafna tgħajjir bħal dan.

Il-vjolenza domestika hija ironika. Għaliex? Għax normalment meta wieħed jasal id-dar jistenna li se jsib dak l-ambjent li fih se jkun hemm min jifhmu u jgħinu però, sfortunatament, hemm ċirkostanzi fejn meta wieħed imur fil-bejta tiegħu jara jew jesperjenza xi forma ta' vjolenza. Wara li seħħ il-każ li semmejt kienet saret inkjesta maġisterjali – jidhirli mill-Eks Imħallef Geoffrey Valenzia – u wara saru ċerti rakkomandazzjonijiet lill-Gvern. Fost affarijiet oħra l-inkjesta qalet li hi ma tistax tgħid li t-tort huwa ta' dak jew tal-ieħor, imma hemm fejn intejbu, u għalhekk wara dik l-inkjesta bdejna naraw fejn nistgħu ntejbu.

Waħda mir-rakkomandazzjonijiet kienet li nevalwaw il-mekkaniżmu tad-Domestic Abuse, Stalking and Honour-based Violence (DASH). Il-mekkaniżmu tad-DASH huwa għodda li ġiet introdotta u mħaddma fl-Ingilterra. It-tendenza tagħna l-Maltin hi li nsegwu lill-Gran Brittanja f'ħafna affarijiet, u għall-vjolenza domestika konna nużaw id-DASH. Però wara li saret din l-evalwazzjoni rriżulta li għalkemm id-DASH kien qed jagħmel xogħlu, stajna mmorru għal għodda aħjar, u jekk Alla jrid illum mexjin biex sas-sena d-dieħla nkunu bdilna l-għodda għal dak li jissejjaħ "danger assessment". Id-danger assessment ġie ivvintat fl-Amerika u l-persuna li ħarġet b'din l-għodda kienet mara. Bi pjaċir ngħid ukoll li kien hawn aktar minn 200 professjonist li attendew għal dan it-taħriġ, fosthom pulizija, uffiċjali tal-forzi tas-sigurtà, social workers u oħrajn.

Il-MARAM hija wkoll waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta Valenzia fejn professjonisti minn diversi oqsma, fosthom mill-Korp tal-Pulizija, mill-qasam soċjali u mid-Domestic Violence Unit, jiltaqgħu regolarment biex jaraw dawk li jiġu meqjusa mal-ewwel daqqa t'għajn bħala ta' riskju għoli.

Il-kunċett tal-MARAM jinsab fit-titlu tiegħu stess, u l-vantaġġ li għandu hu li minflok l-ewwel mort għand id-dipartiment tal-intern, għamilt rapport dwar każ ta' riskju għoli lill-Pulizija, imbagħad għamilt rapport dwar każ ta' riskju għoli lill-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) u wara mort tagħmel rapport dwar każ ta' riskju għoli xi mkien ieħor, hemmhekk ikunu involuti l-professjonisti kollha konċernati. Bażikament il-vantaġġ li għandu l-MARAM hu li jiffranka l-ħin.

Jidhirli li l-MARAM għamlu analiżi mill-ġdid ta' madwar 230 każ, però dawn il-każijiet mhux kollha jispiċċaw b'xi vjolenza fiżika estrema. Allaħares! Naturalment għad fadal ħafna x'nagħmlu, però nieħu pjaċir ninnota li kien hemm membri tal-ġudikatura – u naħseb li dan huwa inkoraġġanti – li attendew minn jeddhom għat-taħriġ dwar l-evalwazzjoni tal-periklu u hemm ċertu interess anke fejn jidħol il-MARAM.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. David Agius, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu huwiex involut fix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru fil-binja taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) kif ukoll fis-servizzi li joffri dan il-unit għal uliedna minħabba li, kif jaf, jeżistu diffikultajiet kbar anke biex dawn it-tfal jiġu assessjati?

Apparti minn hekk, il-YMCA qalu li hawn 40 tifel u tifla bla saqaf fuq rashom. Għalhekk, jista' l-Ministru jgħid x'inhi s-sitwazzjoni reali min-naħa tal-Ministeru dwar it-tfal li m'għandhomx saqaf fuq rashom? Jekk tarbija tispiċċa għand il-Pulizija jew inkella għal xi raġuni jew oħra ma jkollhiex saqaf fuq rasha, illum din it-tarbija fejn issib kenn?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, se nibda billi nwieġeb l-aħħar mistoqsija dwar il-każ tat-tfal li jisfaw bla saqaf fuq rashom. F'pajjiżna jeżistu diversi shelters, li wħud minnhom huma parzjalment immexxija mill-Istat filwaqt li hemm oħrajn li lkoll kemm aħna f'din il-Kamra niffinanzjaw l-operat tagħhom mill-ħlas tat-taxxa tagħna. Pereżempju għal Dar Papa Franġisku u Dar Maria Dolores, li jinsabu f'Birkirkara, għandna partnership bejn tlieta: il-Gvern, il-Caritas u l-Alfred Mizzi Foundation. Dawn huma shelters tan-nisa u allura jekk ikun hemm trabi, ovvjament dawn jintbagħtu f'dawn ix-shelters.

Ta' min jgħid hawnhekk li dawn iż-żewġ shelters, flimkien ma' shelters oħrajn, għandhom restrizzjoni waħda li ġieli tolqot ħażin, li jekk persuna tkun drug jew alcohol user – issa jien

m'iniex qed ngħid li kull min qiegħed f'dawn ix-shelters huwa drug jew alcohol user, biex ma ninftihemx ħażin – ix-shelters ma jagħtuhomx daqshekk akkoljenza, jiġifieri forsi jaċċettawhom biss għal żmien qasir.

Imbagħad il-Gvern jiffinanzja ħafna postijiet oħrajn. Pereżempju jekk qed nitkellmu dwar vjolenza domestika, hemm il-kunvent taż-Żejtun, li l-operat tiegħu huwa ffinanzjat mill-Gvern filwaqt li huwa mmexxi mill-Fondazzjoni Sebħ fi ħdan il-Knisja, fejn hemmhekk ukoll hemm numru ta' flatlets għall-ommijiet bit-tfal. Fejn tidħol il-vjolenza domestika hemm ukoll shelters oħrajn, bħal Dar Qalb ta' Ġesù, li huwa emergency shelter, u Dar Santa Bakhita, li huwa shelter sekondarju. L-operat tal-YMCA huwa wkoll iffinanzjat mill-Istat. M'aħniex qed ngħidu li hemm tfal li m'għandhomx saqaf fiss. Għall-grazzja t'Alla żgur li m'għandhomx għalfejn jorqdu barra għax sew fi ħdan l-Istat, li fl-aħħar mill-aħħar aħna parti minnu, u anke permezz ta' ftehimiet oħra li għandna u li aħna niffinanzjaw dan qed nindirizzawh.

Għax fil-każ ta' dawk il-waħdiet li jorqdu barra, xi ħaġa li qed jara anke min imexxi, hija l-kwestjoni ta' saħħa mentali. Ikun hemm min ikollu dar, imma għal xi raġuni jiddeċiedi li jaffronta s-sitwazzjoni kif inhi. M'iniex qed ngħid hekk biex inġib l-iskużi, imma sempliċement biex inkun għedt il-verità. Fil-każ tal-YMCA għandna arranġament magħhom. Dan l-aħħar il-YMCA għamlu a low-threshold unit li jinsab il-Ħamrun fejn ma jagħmlulekx mistoqsijiet. Irrispettivament minn jekk għadekx user jew le, jilqgħuk xorta waħda. Dan huwa xelter ta' matul il-jum. Aħna hemmhekk ukoll qed ngħinu kif nistgħu, u ħadt pjaċir li mort inżurhom, imma dejjem jibqa' x'tagħmel.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVID AGIUS:** U dwar is-CDAU?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Skużani!

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, nitlob lill-Ministru biex l-ewwel jirrispondi l-mistoqsija supplimentari preċedenti li saritlu u mbagħad jirrispondi l-mistoqsija li se nagħmillu jien dwar ix-xejriet ġodda li jeżistu fit-teħid tad-droga. Kif nafu, id-droga hija salib fost il-komunitajiet kollha. Hija xi ħaġa li rridu nkomplu nimmitigaw fil-politika tagħna, u għaldaqstant nixtieq nistaqsih x'se tkun il-politika tagħna f'dan ir-rigward mil-lum 'il quddiem.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, ħalli nibda dwar is-CDAU. Kif taf il-kollega tiegħi u kif jaf il-kollega tan-naħa l-oħra, hemm diversi Ministri li huma involuti fis-CDAU, u hawnhekk m'iniex qed nipprova nsib skużi. M'iniex qed ngħid li m'hemmx xi jsir, biex inkun ċar, sinċier u onest. Li nista' ngħid biss huwa li sfortunatament, ikollok ċerti ċirkostanzi u realtajiet li mhuwiex daqstant faċli li tindirizzahom, imma naqbel li hemmhekk hemm bżonn li ntejbu kemm nistgħu.

Issa ħalli niġi biex nitkellem dwar il-kwestjoni tad-droga. Kull sena joħroġ rapport dwar is-sitwazzjoni tad-droga f'pajjiżna, u naħseb li l-aħħar rapport juri dak li kien mistenni. Illum għall-grazzja t'Alla l-użu tal-eroina jidher li qabad in-niżla, jiġifieri n-numri qed jonqsu. Mhumiex neżlin b'xi sabta kbira, imma neżlin kif inhi x-xejra fl-Ewropa kollha. L-użu tal-eroina kien aktar moda fis-snin sittin, fis-snin sebgħin u fis-snin tmenin, flower power and the rest! Li kellha u għad għandha ħażin l-eroina bla dubju huwa l-element ta' addiction u forsi huwa aktar faċli li persuna ssir addict għall-eroina milli għal drogi oħrajn.

Sfortunatament ma nistgħux ngħidu l-istess għall-użu tal-kokaina għax filwaqt li l-użu tal-eroina qed jonqos, l-użu tal-kokaina qed jiżdied. Li forsi rridu naraw aktar fit-tul ukoll hija x-xejra, u dan mhux biss billi nqabblu sena ma' oħra imma billi naraw fejn aħna sejrin, għax kien hemm xejriet li, biex ngħid hekk, tieħu pjaċir bihom, filwaqt li kien xejriet oħrajn li trid tara x'tista' tagħmel dwarhom.

Kif naħseb li taf il-kollega tiegħi wkoll, sfortunatament fil-mument l-Ewropa hija litteralment mifqugħa bid-droga, partikolarment bil-crack cocaine. Illum jitkellmulek fuq Antwerp u fuq Rotterdam. Jiġifieri l-provvista hemm qiegħda. Issa l-issue tibqa' dejjem waħda, kemm se jirnexxilna nsaħħu l-prevenzjoni – u jeżistu diversi programmi f'dan is-sens – kif ukoll kemm se ngħinu lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.

Il-pajjiż għandu diversi faċilitajiet. Tista' tgħid li hemm tlieta mmexxija mill-Caritas, għax hemm Tal-Ibwar filwaqt li f'San Blas Therapeutic Community hemm is-sezzjoni tan-nisa u s-sezzjoni tal-irġiel, l-aġenzija nazzjonali Sedqa, kif ukoll il-Fondazzjoni OASI f'Għawdex. Li nista' ngħid hu li lkoll kemm huma jagħmlu biċċa xogħol tajba. Ovvjament wieħed mhux dejjem ikollu r-riżultati li jkun jixtieq, imma naħseb li bħala pajjiż nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li fejn jidħlu faċilitajiet għar-riabilitazzjoni tad-droga, għandna verament biex niftaħru. Ma rridux ninsew ukoll li dawn il-faċilitajiet huma kollha b'xejn għax huma ffinanzjati mill-Istat.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, il-mistoqsijiet li għandi jirrigwardaw l-istess żewġ suġġetti li għadna kif tkellimna dwarhom, l-adozzjoni u l-foster care.

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġi kkonsidrat – jidhirli li din kienet wegħda li saret ftit tas-snin ilu – li jiqsar iż-żmien tal-proċess għaċ-ċittadinanza tat-tfal li jiġu adottati minn barra? Jista' jgħid jekk il-Gvern huwiex kommess li jagħmel din il-bidla li ovvjament dawk li qed jadottaw jixtiequ jaraw?

Nixtieq nistaqsi wkoll jekk kienx hemm talba mill-foster parents għal dak li għandu x'jaqsam ma' in-person meetings one-to-one. Jista' jkun li din issemmiet anke fil-laqgħa li kien hemm matul il-ġranet li għaddew rigward il-Physical Review Board.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru. Jekk jogħġbok tkellem fil-qosor u b'mod telegrafiku għax skada l-ħin.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Meta titkellem fuq il-qasam soċjali ma tantx tista' tkun telegrafiku, Sur President! L-ewwel nett ħalli nitkellem dwar il-kwestjoni taċ-ċittadinanza. Niftakar li l-issue taċ-ċittadinanza kienet tqajmet numru ta' snin ilu, u jidhirli li dakinhar l-Onor. Robert Cutajar kien preżenti wkoll. Kienet l-ewwel konferenza nazzjonali fuq l-adozzjonijiet u hemmhekk kien sar ittieħed dak l-impenn li ovvjament wieħed irid ikompli jsegwih.

It-tieni ħaġa li rrid insemmi hija dwar l-in-person meetings. Ftit ilu ltqajt mal-foster parents u din il-mistoqsija għamluhieli. Fil-fatt, hemm xi tibdil li se nagħmlu. Li nista' ngħid f'dan l-istadju hu li huma jafu wkoll li aħna kkonsidrajna ħafna mis-suġġerimenti tagħhom meta ġejna biex indaħħlu fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602. Huma għamlu xi suġġerimenti għal xi tibdil li jista' jkun hemm fil-futur. Naturalment mhux dejjem tista' tagħmel xi ħaġa li biha togħġob lil kulħadd, imma żgur li aħna, min-naħa tagħna, nieħdu konjizzjoni tagħha.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Owen Bonnici.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar in-numru ta' rapporti dwar high u low voltage li rċeviet l-Enemalta ġewwa Għawdex maqsuma lokalità b'lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13421;
>
> Skeda ta' ship-to-shore transfers fil-perjodu bejn l-2022 u l-2023, sabiex l-Armada LNG Mediterrana li jservi bħala FSU fil-port ta' Marsaxlokk, jimtela bil-gass, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13964; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar il-ħlasijiet li saru mill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) lil media houses bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13829;
>
> Tagħrif dwar il-ħlasijiet li saru mill-Bank Ċentrali ta' Malta lil media houses bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13830; u
>
> Tagħrif dwar il-ħlasijiet li saru mill-Borża ta' Malta lil media houses bejn Jannar 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13831.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet? Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

## MOZZJONIJIET

### ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IKOMPLI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626" ikun moqri l-ewwel darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-ewwel darba.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali" jkun moqri l-ewwel darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-ewwel darba.*

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPJIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (EMENDA NRU 2)

## EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS (AMENDMENT NO. 2) BILL

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, għandi Messaġġ mingħand il-President ta' Malta.

**L-ISPEAKER:** Se naqra dan il-Messaġġ:

> **"GEORGE VELLA**
> **PRESIDENT**
>
> Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.
>
> 24 ta' Novembru 2023".

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Prim Ministru nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2).

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, qegħdin inwettqu wegħda oħra mill-Manifest Elettorali *Malta Flimkien* li abbażi tiegħu ngħatajna l-fiduċja biex niggvernaw għal din il-Leġiżlatura. Din il-proposta ġiet imnebbħa mis-suċċess ekonomiku li pajjiżna esperjenza mill-2013 'il quddiem, u dan ma ngħidux jien imma jgħiduh il-Kummissjoni Ewropea, l-International Monetary

Fund (IMF), Moody's u statistika oħra li naraw anke minn aġenziji ta' kreditu internazzjonali.

Tali proposta ġiet imnebbħa wkoll mill-fatt li pajjiżna mhux biss qed joffri xogħol għall-Maltin imma anke għall-barranin. Fil-fatt, din il-proposta tgħid ċar u tond li għandna nilliċenzjaw lil dawk li jissejħu "temping agencies" u noħolqu kondizzjonijiet dinjitużi għall-impjegati tagħhom. Ta' min jgħid ukoll li jekk dawn l-aġenziji jitilfu l-liċenzja, ma jkunux jistgħu jipparteċipaw f'kuntratti pubbliċi jew ikunu awtorizzati jġibu ħaddiema minn barra l-pajjiż.

L-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna jistipula wkoll li f'ċerti każi tintilef il-liċenzja anke b'mod immedjat. Wasalna s'hawn billi s-sena l-oħra, waqt li kont qed nippreżenta l-voti tal-Baġit li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi, kont spjegajt li kienu nbdew id-diskussjonijiet biex nirregolaw lil dawn it-temping agencies. Minn hemm tlaqna bid-djalogu mal-imsieħba soċjali billi mort jien personalment għal darba, darbtejn, tlieta, quddiem l-Employment Relations Board biex niddiskutu mal-imsieħba soċjali li huma rappreżentanti fuq dan il-Bord.

Tlabna wkoll ir-rispons tal-imsieħba soċjali għal darba, darbtejn. Ilqajt fl-Uffiċċju tiegħi rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema kif ukoll iddiskutejt ma' diversi operaturi fis-settur dwar ir-realtajiet tat-temping agencies. Dan kollu wassalna biex inwaqqfu kumitat interministerjali li kien kompost minn rappreżentanti tad-Department for Industrial and Employment Relations (DIER), tal-Jobsplus, ta' Identità kif ukoll tal-Korp tal-Pulizija u flimkien iddiskutejna kif se noħolqu sinerġija bejn l-operati tagħna biex kemm jista' jkun din il-bidla tidħol fis-seħħ mingħajr skossi.

Sur President, sal-lum jien ma smajt l-ebda kritika, la mill-imsieħba soċjali u lanqas mill-operaturi, anzi b'sodisfazzjon ngħid li dalgħodu attendejt għal konferenza organizzata mill-Association of Catering Establishments (ACE) fejn wieħed mill-operaturi ewlenin f'dan il-pajjiż tkellem b'mod pożittiv ħafna dwar dan il-qafas ta' liġi. Irrid ngħid ukoll li rċevejt emails u messaġġi minn operaturi li huma professjonisti fis-suq u li rringrazzjawna li fl-aħħar se jkun hawn qafas regolatorju robust. Jien onestament nittama li jkollna dibattitu matur u li jagħmel ġieħ lil din il-Kamra sabiex nispjegaw dan l-Abbozz ta' Liġi, speċjalment meta sfortunatament dan l-aħħar smajna ħafna diskors dwar il-ħaddiema barranin li xi kultant kien inġust.

F'dan l-istadju ma nixtieqx noqgħod nidħol f'battuti partiġjani għax, kif għedt diġà, sinċerament nittama li jkollna dibattitu matur dwar dan l-Abbozz ta' Liġi li se jkun qed jirregola settur eżistenti b'mod professjonali. Flimkien mal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna se nkun qed niddiskuti wkoll l-Avviż Legali li ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra li jirregola l-aġenziji tal-impjieg u li t-tnejn li huma ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Dan l-Avviż Legali daħal bis-saħħa tal-Att prinċipali, u allura se nkun qed niddiskutihom paripassu ma' xulxin.

Sur President, nibda billi nispjega fuq fuq il-prinċipji ġenerali li joħorġu mill-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum. L-għan prinċipali hu li l-aġenziji tal-impjieg, li jimpjegaw eluf ta' ħaddiema Maltin kif ukoll ħaddiema barranin, ikunu regolati b'reġim legali robust. Pereżempju fost affarijiet oħra jrid jiġi assigurat li din il-prattika ssir skont il-liġijiet tax-xogħol, inkluż il-kondizzjonijiet tax-xogħol, u b'forma ta' reklutaġġ etiku. Huwa importanti li l-awtoritajiet, li rrid insellmilhom minn hawnhekk, speċjalment lill-ħaddiema tad-DIER, li huma mmexxijin b'mod abbli mid-Direttur Ġenerali Diane Vella Muscat, ikollhom viżibiltà u monitoraġġ tal-operaturi kollha fis-settur. Irridu wkoll naraw li jiġu lejn pajjiżna biss ħaddiema ta' kwalità f'dawk is-setturi fejn verament hemm bżonnhom filwaqt li l-liġijiet għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jevitaw l-abbużi tal-istess ħaddiema.

Kif diġà spjegajt, il-kumpaniji li ma jkollhomx din il-liċenzja jew jitilfuha ma jitħallewx joperaw f'pajjiżna, ma jitħallewx jipparteċipaw f'tenders pubbliċi u ma jkunux jistgħu jġibu ħaddiema minn barra, għax waħda mir-rekwiżiti hi li Identità, dik li konna nafuha bħala Identity Malta, ma taċċettax applikazzjonijiet jekk dawn ma jkunux ġejjin minn aġenzija li tkun liċenzjata. Hemm sitwazzjonijiet fejn il-liċenzja tintilef mal-ewwel, fosthom meta jkun hemm ksur tal-liġi tal-immigrazzjoni. Però mbagħad rajna li kważi fil-każijiet kollha fejn ikun hemm ksur, għandu jingħata ċ-ċans ta' 30 ġurnata biex dak li jkun jirregola l-pożizzjoni tiegħu.

Se nkun qed nagħti spjegazzjoni dwar il-ħlas li dawn l-aġenziji jridu jagħmlu l-ewwel darba u ta', dwar ir-rwol tal-persuna kompetenti li jrid

ikun hemm ingaġġata ma' kumpanija biex tkun tista' ġġib il-liċenzja, dwar l-eżerċizzju ta' diliġenza li qed nintroduċu permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, dwar il-kwestjoni tal-post minn fejn joperaw dawn l-aġenziji, dwar il-garanzija bankarja u l-organi li waqqafna biex jamministraw dawn il-garanziji, dwar kif dawn il-kumpaniji se jkunu qed jiġu blacklisted jekk ikun hemm ksur ta' regolamenti, dwar kif se nkunu qegħdin naqtgħu l-abbuż u anke dwar il-pieni pjuttost ħorox li se nkunu qed nintroduċu permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi. Se nkun qed insemmi wkoll id-diversi aġenziji li jeżistu u li aħna ġbarna taħt kappa waħda kif ukoll meta din il-liġi se tidħol fis-seħħ, meta se tibda tapplika u meta se tibda tiġi infurzata.

L-ewwel liġi li ra pajjiżna dwar l-aġenziji tal-impjieg kien fl-1996, meta bdejna nirregolaw dawk li jissejħu "recruitment agencies", li aktar 'il quddiem f'dan id-dibattitu se nkun qed nispjega x'inhuma. Però mbagħad, bl-avvanz fid-dinja tax-xogħol, fl-2008 ħarġet direttiva tal-Unjoni Ewropea li tirregola t-temping agencies u li f'pajjiżna ġiet trasposta fl-2011. Ovvjament id-dinja tax-xogħol hija waħda dinamika. Fil-fatt, għalhekk hawn il-Parlament u l-leġiżlatur biex jemendaw il-liġijiet ħalli jirregolaw dak li s-settur ikun qed jirrikjedi, partikolarment mill-Istat u mil-leġiżlatur, bil-għan li jkompli jkollna dinja tax-xogħol reżiljenti, b'saħħitha u moderna li tkun kapaċi tikkompeti ma' pajjiżi oħrajn billi nattiraw ħaddiema ta' kwalità.

Sur President, il-fenomenu tal-ħaddiema barranin mhuwiex xi ħaġa li qed jesperjenza pajjiżna biss. Fil-fatt, jekk wieħed iħares lejn l-istatistika jsib li dan huwa fenomenu li qed jarawh ukoll pajjiżi oħrajn, u mhux biss pajjiżi żgħar imma anke pajjiżi ġganti tal-Unjoni Ewropea. Irrid infakkar li pajjiżna qed jesperjenza l-inqas rata ta' qgħad fl-istorja u, kif diġà għedt, mhux biss qed joffri xogħol għall-Maltin iżda saħansitra għandu bżonn ukoll ħaddiema barranin, speċjalment f'ċerti setturi.

Aktar 'il quddiem se nispjega wkoll ix-xogħol tal-Gvern, li issa qed jimxi lejn ħaddiema ta' kwalità, mhux biss permezz ta' din il-liġi imma anke permezz ta' proġetti u inizjattivi oħrajn li dan il-Gvern qed iwettaq, fosthom l-iskills card fil-qasam tal-ospitalità. L-iskills card diġà introduċejnieha fis-settur tal-kostruzzjoni, u m'għandix dubju li din se tkompli tinfirex anke f'oqsma oħrajn. L-għan ewlieni jibqa' wieħed, li kemm jista' jkun f'pajjiżna jkollna ħaddiema ta' kwalità.

Sur President, x'inhuma l-bidliet li qed nipproponu permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi? Se nibda nispjega l-punti prinċipali għax imbagħad wieħed jidħol aktar fit-teknikalità fl-istadju ta' Kumitat. L-għan ta' dawn il-bidliet huwa li jkun hemm uniformità fil-kondizzjonijiet tal-aġenziji tal-impjieg, li jkollna proċeduri ċari, li jiġu infurzati l-kondizzjonijiet tal-liċenzja u li jiġi żgurat li individwi kwalifikati u kompetenti jkunu impenjati f'dan l-isforz.

Se jkun hemm tliet aġenziji partikolari li se jiġu affettwati b'dawn ir-regolamenti, l-ewwel fosthom ir-recruitment agencies, li diġà kienu regolati bil-leġiżlazzjoni tal-1996 u li diġà kellhom bżonn liċenzja. Però hawn irrid ngħid, għax jien ħdimt fis-settur ukoll, li l-liċenzja xejn ma kienet robusta u issa wasal iż-żmien, anke għaliex dan is-settur qed jikber, li nirregolaw u nżidu r-rekwiżiti għal-liċenzji tar-recruitment agencies.

Se nirregolaw ukoll żewġ aġenziji oħra: it-temping agencies u l-outsourcing agencies. Id-differenza hi li t-temping agencies joffru ħaddiema lill-kumpaniji, imma s-superviżjoni u l-kontroll fuq dawk il-ħaddiema tagħmilhom il-kumpanija li tirċevihom. Irrid ngħid li meta ħarġet id-Direttiva, lanqas l-Unjoni Ewropea ma kienet qatt bassret li dan is-settur kien se jikber u jiżviluppa b'dan il-mod.

Imbagħad maż-żmien nibtu dawk li jissejħu "outsourcing agencies" li ma kien hemm l-ebda leġiżlazzjoni li tirregolahom, la fuq livell ta' Unjoni Ewropea u wisq inqas fuq livell lokali. Dawn huma l-aġenziji li joffru servizz ta' ħaddiema lill-kumpaniji, dawk li jissejħu "user undertakings", però s-superviżjoni diretta u l-kontroll tagħmilhom l-outsourcing agency stess.

Aħna bħala Gvern ridna noħolqu qafas regolatorju li jiġbor fih dawn it-tliet tipi ta' aġenziji u għalhekk qed insejħulhom "aġenziji tal-impjieg", jiġifieri morna lil hinn minn dak li wegħedna fil-Manifest Elettorali billi ħloqna dan il-pakkett ta' riformi li żgur se jkun qed ibiddel id-dinja tax-xogħol kif nafuha billi joffri kondizzjonijiet u pagi aħjar.
Hemm ukoll min se jkun eżentat mil-liċenzja bħal, pereżempju, dawk il-kumpaniji li jġibu nies minn barra biex jaħdmu magħhom stess. Lil

dawn il-kumpaniji qed ngħidulhom li m'għandhomx bżonn liċenzja ġaladarba lill-ħaddiema qed jużawhom għall-kumpanija tagħhom stess. Qegħdin neżentaw ukoll lill-marketing agencies li jagħmlu r-reklamar biex jattiraw il-ħaddiema lejn pajjiżna. Jekk xogħlok huwa biss li tirreklama biex tattira l-ħaddiema lejn pajjiżna, allura inti eżentat.

Hemm eżenzjoni oħra għal dawk l-aġenziji li jġibu jew jimpjegaw magħhom ħaddiema tekniċi, bħad-ditti tal-avukati. Mela jekk xi ħadd juża s-servizz ta' avukat jew tnejn għal diversi ġimgħat, jew forsi anke xhur, għax ikun qed jagħmel xi proġett partikolari, ovvjament dik ma tikkwalifikax bħala aġenzija tal-impjieg. Il-Jobsplus ukoll hija eżentata. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-impjegati kollha li daħlu f'kuntratt ta' xogħol ma' aġenzija tal-impjieg, kemm ma' temping agency kif ukoll ma' outsourcing agency. Irrid ngħid li dawn l-aġenziji jħaddmu eluf ta' Maltin ukoll.

Se jkun jista' jopera biss min ikollu liċenzja maħruġa mid-DIER, kemm għar-recruitment agency kif ukoll għaż-żewġ aġenziji l-oħra. Jiġifieri biex niftiehmu, hawnhekk qed nagħmlu klassifikazzjoni ta' recruitment u mbagħad għandek żewġ aġenziji oħra. Dan ifisser li se jkun hemm żewġ liċenzji. Se jkollok liċenzja jekk inti trid taħdem bħala recruitment agency, però jekk trid taħdem bħala temping jew outsourcing agency, trid tapplika għal liċenzja oħra. B'liċenzja waħda ma tistax tagħmel tliet affarijiet.

Sur President, rajna u smajna b'diversi abbużi fis-settur, abbużi diżgustanti dwar l-isfruttament tal-ħaddiema barranin li jitteħdulhom il-flus u mbagħad jiġu f'pajjiżna u jispiċċaw bla xogħol. X'għamilna aħna biex irregolajna dan l-abbuż? B'xi mod dan l-abbuż diġà kien regolat, imma aħna morna pass lil hinn. Aħna rbatnieh mal-kondizzjoni tal-liċenzja, irbatnieh mal-kwestjoni tal-blacklisting, u rbatnieh ukoll mal-kunċett tan-name and shame.

Għamilna wkoll ċerti sitwazzjonijiet bħala illegali bħal, pereżempju, li tnaqqas il-paga lill-impjegat minħabba li tkun offrejtlu xi forma ta' servizz, li b'xi mod tisforza impjegat biex jaħdem kontra l-volontà tiegħu jew inkella li tqiegħdu f'pożizzjoni vulnerabbli.

Sur President, kif irregolajna dan il-fenomenu tal-isfruttament? Se nagħti żewġ eżempji. Ejjew ngħidu li għandna sitwazzjoni fejn aġenzija liċenzjata f'Malta tkun qed tinnegozja ma' aġenzija barranija u l-aġenzija Maltija tkun taf li dik l-aġenzija barranija tkun qed tieħu l-flus biex tibgħat ħaddiema barranin f'pajjiżna. Peress li dan huwa att ekstraterritorjali, jiġifieri li qed jiġri barra l-pajjiż, ma stajniex nikklassifikawh bħala reat u f'dak il-każ, jekk id-direttur jiġi a konoxxenza ta' dan il-fatt, dik l-aġenzija Maltija jew titlef il-liċenzja, jew ikollha l-liċenzja revokata jew saħansitra mhux imġedda.

Imbagħad hemm sitwazzjoni oħra li diġà kienet kontemplata fil-liġi tagħna, però aħna ħassejna l-bżonn li nħarrxu l-piena u norbtuha mal-kondizzjonijiet tal-liċenzja, dik li bħala aġent b'xi mod tieħu l-flus direttament mingħand il-ħaddiem li jkun ġej jew li jkun ġie f'pajjiżna. F'dak il-każ mhux biss tkun qed titlef il-liċenzja imma titressaq fil-qrati tagħna b'reat kriminali.

L-aġenziji bl-ebda mod ma jistgħu jidħlu f'kuntratti ta' esklużività ma' xi kumpanija partikolari. L-iskop hu li kemm jista' jkun inħallu dan is-suq liberu u ma nagħmlu l-ebda forma ta' impożizzjoni li b'xi mod tkun tista' tagħti lok għal abbuż. Se jkun hemm arranġamenti tranżitorji għal dawk l-aġenziji, speċjalment ir-recruitment agencies, li diġà qegħdin fis-seħħ. Aħna qed ngħidu li l-liċenzja tagħhom tibqa' tapplika, però xahrejn qabel it-terminu tal-iskadenza tal-liċenzja tagħhom iridu japplikaw għal-liċenzja l-ġdida.

F'każ li l-applikazzjoni għal-liċenzja l-ġdida tkun tiskadi mhux aktar tard minn xahar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, wieħed għandu japplika mad-DIER. Kwalunkwe persuna li tapplika għall-ewwel darba tista' tagħmel dan mill-1 ta' Jannar tas-sena d-dieħla. Però ġaladarba issa l-Avviż Legali huwa pubbliku, l-operaturi jafu x'rekwiżiti għandhom jissodisfaw u għalhekk jistgħu jħejju lill-kumpaniji tagħhom biex jiġbru d-dokumenti ħalli fl-1 ta' Jannar ikunu f'pożizzjoni li japplikaw.

Issa se nispjega ftit it-timeline ta' kif se jaħdmu l-affarijiet. L-għan tal-Gvern huwa li dan l-Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-istadji kollha fil-ġranet tal-Parlament li ġejjin sabiex imbagħad, fl-1 ta' Jannar, id-DIER ikun f'pożizzjoni li jibda jilqa' l-applikazzjonijiet. Il-liġi se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April tas-sena d-dieħla, però sabiex nagħtu aktar

ċans lill-operaturi jaġġustaw l-amministrazzjoni tagħhom, qed ngħidu li l-infurzar effettiv fuq din il-liġi se jibda jseħħ mill-1 ta' Ġunju.

Fil-prattika qed ngħidu li l-operaturi għandhom ċans minn mindu saru jafu bir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw, jiġifieri mill-ġimgħa l-oħra, sal-1 ta' Ġunju li ġej biex jaraw li l-operat tagħhom ikun konformi ma' din il-liġi. Ovvjament, għal min ma jkunx konformi ma' din il-liġi, se jkun hemm l-infurzar neċessarju. Għal dan l-iskop irrid inżid ukoll li se nkunu qegħdin insaħħu l-amministrazzjoni tad-DIER f'dak li għandu x'jaqsam ma' professjonisti u xogħol amministrattiv biex nilqgħu għal din il-liġi.

Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja tal-aġenziji tal-impjieg huwa għal sena, però mbagħad, bid-diskrezzjoni tad-direttur tad-DIER, din tista' tiġi mġedda saħansitra għal perjodu ta' sentejn. Għaliex għamilna hekk? Għamilna hekk biex ikun hemm firxa fuq medda ta' żmien tal-applikazzjonijiet sakemm din is-sistema tindara b'mod amministrattiv.

Il-proċedura se tkun waħda rigoruża. Min japplika jrid jagħti dak li aħna nsejħulu "avviż ta' intenzjoni" li fuqu jkun hemm indikati dettalji, bħal ismu jew isem il-kumpanija, filwaqt li f'każ ta' kumpanija, irid ikun hemm il-persuna legali, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, l-indirizz tal-uffiċċju u minn fejn se topera. Jiġifieri mhux qed nitolbu li jkun hemm l-uffiċċju reġistrat biss, fejn tirċievi l-posta l-kumpanija, imma wkoll minn fejn se tkun qed topera b'mod effettiv.

Hawnhekk se nagħmel parentesi. L-applikant jista' jkun kemm kumpanija kif ukoll sole trader u allura meta qed nitkellmu fuq kumpanija, qed nitkellmu fuq l-applikant, qed nitkellmu fuq id-diretturi. Se nkunu qegħdin nitkellmu wkoll fuq ix-shareholders tal-kumpanija, li kollha jridu jgħaddu mill-proċess tad-due diligence. Però f'każ ta' sole trader, mal-applikazzjoni wieħed irid jipprovdi diversi dokumenti, bħal mezzi ta' identifikazzjoni, dokumenti relatati mar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fosthom in-numru tal-istess reġistrazzjoni, u dokumenti oħra li juru li l-persuna hija konformi mal-obbligi fiskali tagħha. Fil-każ ta' kumpaniji mbagħad, dawn ikollhom bżonn jottjenu l-hekk imsejjaħ ċertifikat ta' "good standing" mill-Malta Business Registry (MBR) li ma jistax ikun ilu li nħareġ aktar minn xahar.

Qed nesiġu wkoll li tingħata deskrizzjoni tas-servizz li wieħed għandu jipprovdi, il-metodu ta' kif il-kumpanija se tkun iffinanzjata, dikjarazzjonijiet f'gazzetti biex ikun hemm l-element tal-pubbliċità, u informazzjoni dwar dak li jissejjaħ il-"competent person", li se nkun qed nispjega x'inhu aktar 'il quddiem. Ovvjament irid ikun hemm ukoll tax compliance certificate riċenti mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana li juri li l-persuna kompetenti, l-applikant, id-diretturi u l-azzjonisti kollha, f'każ ta' kumpanija, huma konformi.

Issa se nitkellem ftit dwar l-Employment Agencies Guarantee Fund. Dan il-fond se jibda jirċievi l-garanziji li l-aġenziji tal-impjieg se jkunu obbligati li jiddepożitaw, ħlief għar-recruitment agencies għax f'dan il-każ il-ħaddiema mhumiex se jkunu fuq il-kotba tax-xogħol tagħhom imma se jkunu fuq il-kotba tax-xogħol tal-kumpaniji, dawk li l-Abbozz ta' Liġi qed jirreferi għalihom bħala "user undertakings". Mill-bqija l-aġenziji tal-impjieg l-oħrajn iridu jiddepożitaw €20,000 f'dan il-fond ta' garanzija, u min ikollu aktar minn 20 impjegat jaħdem miegħu jrid iżid 2% tal-pagi annwali tal-ħaddiema kollha.

L-iskop ta' din il-garanzija bankarja hu li jekk b'xi mod l-aġenzija tal-impjieg titlef il-liċenzja jew inkella ma jkollhiex il-liċenzja tagħha mġedda minħabba ksur ta' regolamenti, dak id-depożitu jintilef u jinqasam bejn il-ħaddiema ta' dik l-aġenzija. Dan mingħajr ma jintilef id-dritt naxxenti mill-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ta' dawk il-ħaddiema, u dan ix-xogħol se jsir id f'id ma' awtoritajiet bħall-Jobsplus u Identità.

Min hu eliġibbli għall-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji tal-Impjieg? Kwalunkwe impjegat li xogħlu jiġi tterminat minn ma' aġenzija tal-impjieg minħabba nuqqas ta' tiġdid ta' liċenzja. L-impjegat li jkun iffaċċjat b'din is-sitwazzjoni għandu jinnotifika lil dan il-Fond fi żmien xahrejn ħalli mbagħad il-bord amministrattiv ikollu żmien stipulat biex jamministra dawn il-fondi.

Kellna wkoll mistoqsijiet dwar il-garanzija bankarja u dwar jekk din tistax tingħata lura. Irrid ngħid li f'każ li tikser il-kondizzjonijiet, hemmhekk inti tkun qed titlef din il-garanzija għax il-flus naxxenti minn din il-garanzija se jkunu mqassma lill-ħaddiema. Madankollu, jekk

aġenzija tittermina l-operat tagħha b'mod ġenwin, fi żmien tliet xhur il-bord amministrattiv jagħti lura dan l-ammont lill-aġenzija inkwestjoni. Għax apparti l-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji tal-Impjieg, dan l-Abbozz ta' Liġi se jkun qed iwaqqaf ukoll bord amministrattiv biex jamministra dawn il-fondi u jkollu tliet xhur żmien min-notifika tad-direttur biex jagħti lura dan l-ammont lill-aġenzija inkwestjoni. Ta' min jgħid li l-liċenzja se tkun tiswa €3,000 għall-ewwel darba u mbagħad €1,500 kull sena biex tiġġedded, u dan japplika għall-aġenziji tal-impjieg kollha.

Sur President, kemm fil-każ ta' kumpanija kif ukoll ta' sole trader għandu jkollhom ingaġġat magħhom dik li tissejjaħ "persuna kompetenti". L-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna jistipula li din il-persuna trid tkun impjegata ma' dik il-kumpanija fuq bażi full-time u b'mod eskużiv, jiġifieri ma tistax tagħti s-servizzi tagħha lil diversi kumpaniji. Imbagħad f'każ li l-persuna kompetenti ma tkunx tista' tibqa' topera jew trid tittermina l-impjieg tagħha għar-raġunijiet tagħha, il-kumpanija tista' taħtar persuna kompetenti ġdida li jrid ikollha l-istess kompetenza bl-istess kriterji stabbiliti. Ovvjament, id-DIER dejjem irid ikun informat b'dak li qed jiġri.

Min iwettaq dan ir-rwol ta' persuna kompetenti jrid ikun ċittadin Malti jew hu intitolat għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin residenti Malta, bħall-EU nationals, ikollu mhux inqas minn sitt snin esperjenza fir-riżorsi umani, jew inkella tliet snin esperjenza u degree universitarja li tkun relatata mas-suġġett. Irid ukoll jipprovdi ittra ta' referenza minn professjonist jew minn employer preċedenti tiegħu li jikkonferma l-kompetenzi tiegħu.

Id-Direttur għandu l-poter eżekuttiv li jirrifjuta jew jirrevoka applikazzjoni u jġedded liċenzja, u dan għad-diversi raġunijiet elenkati fl-Abbozz ta' Liġi, fosthom minħabba nuqqas ta' konformità ma' waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Però rrid ngħid li b'eċċezzjoni għall-ksur tal-liġi tal-immigrazzjoni, pereżempju, jew fejn ikun hemm traffikar tal-persuni, dawk mhumiex tollerati u wieħed jitlef il-liċenzja b'mod immedjat.

Fir-rigward tal-każijiet l-oħra, fosthom li l-attività ma tkunx kompatibbli ma' dawk li l-applikant ikun iddikjara li se jagħmel, li l-applikant ma jkollux ir-rekords tiegħu mal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana kif suppost, li ma jipprovdix dokumenti biżżejjed lill-working committee jew li jikser xi waħda mill-kondizzjonijiet li d-Direttur ikun impona fil-liċenzja ... Għax jien għalhekk għedt li d-Direttur se jkollu l-poter li jimponi obbligi u responsabbiltajiet kbar kif ukoll il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa fil-liċenzja, sabiex kemm jista' jkun jara li ma jkunx hemm abbużi u b'hekk mhux biss jissalvagwardja lill-ħaddiema iżda wkoll lil min ikun qed jingħata s-servizz.

Sur President, aħna għamilna dan l-Abbozz ta' Liġi biex insaħħu lil dan is-settur u mhux biex niddisturbawh. Kemm-il darba għedt pubblikament li aħna, bħala Gvern, se nkunu ta' spalla għal dawk l-operaturi serji – fil-fatt għalhekk tajna dan iċ-ċans ukoll – u allura se nkunu qegħdin insaħħu d-DIER b'mod amministrattiv.

Huwa għalhekk li l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna qed jikkontempla 30 ġurnata minn mindu aġenzija tkun notifikata biex b'xi mod tkun konformi mal-liġi jew inkella biex tirregola l-pożizzjoni tagħha, għax aħna m'għandna l-ebda skop li b'xi mod niddisturbaw lil dan is-settur. F'każ li wieħed ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni tad-Direttur, l-Abbozz ta' Liġi se jkun qed iwaqqaf ukoll Bord tal-Appelli. Permezz ta' dan il-Bord ridna nassiguraw li jkun hemm rimedju ġudizzjarju, u għalhekk id-deċiżjoni se tkun tista' tittieħed quddiem il-Qorti tal-Appelli.

Il-proċess tad-due diligence se jkun qed jitmexxa mill-Pulizija, però mbagħad dan l-Abbozz ta' Liġi se jkun qed iwaqqaf working committee biex jagħmel eżami bir-reqqa tal-informazzjoni li tkun inġabret mill-Pulizija.

Hemm diversi raġunijiet għaliex Direttur jista' ma jġeddidx jew iwaqqaf liċenzja, fosthom meta persuna tkun ġiet ikkundannata darbtejn għal ksur ta' din il-liġi. F'dak il-każ, wieħed jitlef il-liċenzja immedjatament u m'għandux lok għal rimedju. Il-liċenzja tista' ma tiġġeddidx u titwaqqaf ukoll meta l-persuna kompetenti jew id-diretturi jkunu nstabu ħatja dwar reati relatati mal-immigrazzjoni, meta l-persuna kompetenti jew id-diretturi responsabbli għat-tmexxija tal-aġenzija jkunu ħadu xi flus mingħand applikanti, meta d-direttur jew il-persuna li direttament jew indirettament tippossjedi jew tikkontrolla 25%

jew aktar mill-ishma tal-kumpanija tkun instabet ħatja kontra l-ksur ta' dawn ir-regolamenti, meta d-detentur tal-liċenzja jkun naqas li jinforma lid-Direttur b'bidliet fin-natura tal-attività tal-aġenzija tal-impjieg, meta l-applikant ikun ipprovda informazzjoni qarrieqa jew mhux preċiża, jew inkella meta l-applikant ma jkunx żamm l-applikabbiltà ta' kwalunkwe garanzija bankarja. Kif spjegajt, se jkun hemm ukoll proċess ta' due diligence għax aħna ridna noħolqu qafas serju.

X'azzjonijiet se jkun qed jieħu d-Direttur f'każ li l-liċenzja tiġi revokata jew ma tiġġeddidx? Diġà semmejt il-kwestjoni tal-blacklisting u tan-name and shame, fejn l-isem tal-persuna jew tal-persuni sanzjonati se jkunu qed jiġu ppubblikati.

Se jkun hemm indikat ukoll il-ksur partikolari tad-dispożizzjonijiet kif ukoll il-piena jew il-miżura imposta. Barra minn hekk, id-Direttur imbagħad se jkun qed jinforma lid-Dipartiment tal-Kuntratti, lill-aġenzija Identità kif ukoll lill-Pulizija.

Kif spjegajt diġà, l-għan tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna hu li noħolqu bilanċ, u għalhekk aħna qed nipproponu dan ir-rimedju ta' 30 ġurnata u t-twaqqif tal-Bord tal-Appelli. Imma fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni dwar jekk persuna għandux ikollha l-liċenzja mġedda, tinħarġilhiex liċenzja jew inkella titlifx il-liċenzja jew le, tkun soġġetta għall-iskrutinju ġudizzjarju.

Skont it-Transparent and Predictable Working Conditions Regulations tal-Unjoni Ewropea, l-aġenziji tal-impjieg se jkollhom ukoll l-obbligu li jinformaw lill-ħaddiema tagħhom bil-kondizzjonijiet tax-xogħol, li jipprovdulhom kuntratt bil-miktub u dawn ir-rekords kollha li l-liġi tidħol fid-dettall fihom jistgħu jiġu spezzjonati mid-Direttur tad-DIER.

Fil-każ li aġenzija tinstab ħatja ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi waħda mid-dispożizzjoni ta' din il-liġi, il-multa hija bejn €5,000 u s-€7,000. Però jekk ir-reat jikkonsisti fl-operazzjoni ta' aġenzija tal-impjieg mingħajr ma jkollha liċenzja fil-pussess tagħha u allura tkun ħatja, skont dawn ir-regolamenti hemmhekk il-multa tlaħħaq saħansitra t-€30,000.

Apparti minn hekk, id-due diligence huwa pjuttost tekniku. L-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna jispjega x'għandhom ikunu l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u fuq liema reati. Hemm lista sħiħa ta' reati li l-Pulizija jridu jiċċekkjaw, u min ikollu proċeduri għaddejjin li jġorru magħhom aktar minn sentejn priġunerija, dawn se jkunu qed jiġu mmarkati wkoll. Ovvjament l-intenzjoni hi li noħolqu settur serju u robust.

Sur President, wara li nisma' l-interventi kemm tal-Membri tal-Oppożizzjoni kif ukoll tal-Gvern, jien se jkolli l-opportunità li nikkonkludi dan id-dibattitu. Nittama li d-dibattitu mhux se jkun wieħed partiġjan imma wieħed matur biex kemm jista' jkun inkomplu nsaħħu lil dan is-settur. Niddikjara li se nkunu ta' spalla għal dawk l-operaturi li huma serji. Aħna m'aħniex suppervi u jekk hemm bżonn li wara li dan l-Abbozz ta' Liġi jidħol fis-seħħ inkomplu neżaminaw dan is-settur, jien se nimpenja ruħi li nibqa' niltaqa' mal-istakeholders u mal-imsieħba soċjali kif ukoll li norganizza attivitajiet biex niltaqa' mal-imsieħba soċjali kif ukoll mal-operaturi, u fejn hemm bżonn jien u sħabi nibqgħu nagħmlu l-emendi neċessarji biex ikollna l-aqwa liġi.

Hekk għamilna f'setturi oħra, fosthom fid-digital platform work, fejn konna fost l-ewwel pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea li daħħalna din il-liġi. Fil-fatt, illum il-ġurnata qegħdin f'pożizzjoni li jiġu pajjiżi ġganti u jistaqsuna kif qed taħdem din il-liġi f'pajjiżna. Konna kuraġġużi, ħadna d-deċiżjonijiet li kien hemm bżonn u ħallejna s-settur jimmatura, għax wara l-pandemija l-ħaddiema tal-pjattaforma diġitali f'pajjiżna splodew u hawnhekk rajna wkoll dan il-fenomenu tal-ħaddiema barranin, li mhux qed jiġi esperjenzat f'pajjiżna biss.

Sur President, jien inħares 'il quddiem biex nisma' lil sħabi d-Deputati li se jieħdu sehem f'dan id-dibattitu ħalli mbagħad inkun nista' nagħmel il-winding up. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, illum qegħdin hawn biex nitkellmu fuq Abbozz ta' Liġi li fin-natura tiegħu huwa pożittiv u li qed jindirizza sitwazzjoni li l-Gvern biddel b'avviż legali biex jirregola l-employment agencies u n-negozji.

X'qed jgħid eżattament l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum? L-ewwel nett qed jagħmel enfasi fuq il-Fond ta' Garanzija tal-Aġenziji tal-Impjieg kif ukoll fuq il-Bord tal-Appelli tal-Aġenziji tal-Impjieg f'każ li l-liċenzja ta' aġenzija tkun revokata. Meta jkollok liġijiet biex inżidu r-regolamenti u nżidu l-ħarsien għas-sewwa, din in-naħa tal-Kamra ma tistax topponihom u għalhekk aħna se nkunu qed nivvotaw favur dan l-Abbozz ta' Liġi. Madankollu nixtieq inqajjem ftit punti, anke fir-rigward tal-Avviż Legali li qed jemenda l-Employment Agencies Regulations, li nemmen li jistħoqqlu diskussjoni xierqa wkoll.

Jien ukoll nawgura u nirringrazzja lill-kelliema kollha li se jieħdu sehem f'dan id-dibattitu filwaqt li nispera li kulħadd jifhem li aħna qegħdin hawn sabiex naraw li dak li jista' jsir aħjar ma niddejqux ngħiduh, u dak li nemmnu li jista' jitjieb ma niddejqux inwettquh. Aħna bħala Oppożizzjoni, f'kull każ, f'kull liġi u għal kull avviż legali li jitressaq f'din il-Kamra, għandna d-dover li naraw li fejn jista' u hemm bżonn isir titjib, niġbdu l-attenzjoni tal-Gvern u jekk hemm bżonn isiru l-emendi meħtieġa.

F'din il-Kamra, il-Prim Ministru qal "time up" għall-aġenziji tal-impjieg li ma kinux qegħdin jobdu l-liġi u jiksru r-regolamenti. Però jien ngħid: About time! U se nispjega għalfejn. L-Employment Agencies Regulations ma sarux il-ġimgħa l-oħra imma ilhom jeżistu mill-1996 u ħafna mir-regolamenti ilhom hemm, avolja l-Gvern qed jgħid li din hija liġi ġdida. Jien ma ngħidx li hi liġi ġdida, imma hi aġġornament tal-liġi għax din il-liġi diġà kienet teżisti. Hemm tibdil? Mela le! It-tibdil li hemm huwa tajjeb? Hemm dak li hu tajjeb filwaqt li hemm ukoll dak li hu inqas tajjeb u li allura jeħtieġ jitjieb.

Sur President, mill-1996 sal-lum kellna 206 aġenziji li lliċenzjaw ruħhom, jiġifieri dan ma kienx każ fejn employment agency setgħet ma tirreġistrax għax il-liġi diġà kienet hemm. Tant kienet hemm li kienet ippubblikata anke fil-lista tad-DIER! Jiġifieri wieħed ma jistax jgħid li din hija xi forma ta' liġi ġdida jew li se nibdew xi ħaġa ġdida permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi li qegħdin niddiskutu llum jew permezz tal-Avviż Legali li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Din tant hija leġiżlazzjoni aġġornata li anke n-noti ta' spjegazzjoni li bagħtu d-DIER jgħidu li "it was also being felt that the present regulations which regulate temping agencies and employment agencies were not robust enough and needed updating to reflect the present scenarios".

Jien naqbel perfettament mat-tieni parti tas-sentenza. Id-dinja tax-xogħol inbidlet u evolviet, u allura aħna nagħmlu ħażin jekk hawn ġew ma narawx x'tibdil hemm bżonn isir u ma nevolvux. F'dawn n-noti ta' spjegazzjoni l-Gvern stess qed jgħid li diġà kien hawn regolamentazzjoni li tirregola t-temping agencies u l-employment agencies. Dan mhux jien qed ngħidu u mhux jien ktibtu. Dan kitbu d-DIER, jiġifieri bl-ammissjoni tad-DIER stess nista' nikkonferma li dawn ir-regolamenti diġà kienu jeżistu.

Sur President, jien ninkwieta ftit meta ma nindunawx li l-awtoritajiet stess diġà kienu jafu li kull min kellu temping agency kellu l-obbligu li jilliċenzja ruħu. Issa dan mhux qed jgħidu Ivan Castillo, l-Onor. Claudette Buttigieg jew il-Partit Nazzjonalista imma qed jgħidu d-DIER. Fil-fatt, fuq il-website tad-DIER stess, taħt "Employment services (for which a licence is required)", hemm imniżżla numru ta' affarijiet u fosthom hemm "Temping Services". Fl-aħħar tad-diskors tiegħi se nkun qed nitlob il-permess biex inpoġġi din l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Għalhekk, mhux veru li ma konniex neħtieġu li aġenzija jkollha liċenzja biex tkun tista' toffri temping services għax fir-realtà, din ilha teżisti s-snin. Dan ifisser li s-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum, stajna nevitawha. Meta kien qiegħed jieħu sehem fil-programm "Vi jew Va" fuq l-istazzjon nazzjonali, is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul qal li issa se jkollna l-opportunità li nirregolarizzaw anke t-temping agencies għax anke huma jridu jkunu liċenzjati. Nerġa' ngħid li din ilha teżisti s-snin, u l-fatt li l-Gvern ma kienx jaf biha hija xi ħaġa inkwetanti immens.

Issa ejja nkunu onesti u sinċieri. Nafu li mill-2013 sal-lum id-dinja tax-xogħol inbidlet. Dawn is-servizzi żdiedu. Rajna u qrajna lkoll kemm aħna li kien hemm ħaddiema li kienu qed jiġu sfruttati. Għalhekk, matul l-għaxar snin li għaddew il-Gvern kellu l-akbar opportunità li b'sentenza waħda f'avviż legali jemenda din il-liġi, bħalma għamel fl-2016 meta emenda l-Att Nru XXVII tal-2016 li jirrigwarda l-Jobsplus. Fl-2016, il-Gvern ħa l-briga li jemenda din il-liġi. Żied ukoll affarijiet relatati mal-Jobsplus, fejn seta' wkoll, jekk ried, sempliċement iżid sentenza! Jiġifieri jekk kellu dubju u ma kienx jaf dak li diġà kien hemm miktub fuq il-website tad-DIER, seta'

faċilment jaqbad l-emenda li għamel hu stess u jżid sentenza waħda fejn jispeċifika li jrid ikollna t-temping agencies liċenzjati. Ħalli mbagħad konna nidħlu fid-dettall ta' kif u x'fatta, però għall-inqas inkunu nafu min huma u fejn irridu mmorru biex nagħmlu l-investigazzjonijiet. Dik kienet tkun l-aktar ħaġa serja li dan il-Gvern seta' jagħmel.

Sur President, għandna ħafna minn dawn is-sitwazzjonijiet, li jien se nkun qed inqajjimhom kemm din is-sena kif ukoll is-sena d-dieħla. Għandna sitwazzjonijiet fejn b'sentenza waħda nistgħu nevitaw inkwiet kbir għax nistgħu nevitaw l-isfruttament tal-ħaddiema tagħna.

Kif qal il-kollega tiegħi l-Onor. Andy Ellul, meta għaddiet id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea tal-2008 u l-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea ġew mitluba li jirregolaw lill-ħaddiema tat-temping agencies, dak iż-żmien il-Gvern Malti kien għadda l-leġiżlazzjoni sussidjarja 'Temporary Agency Workers Regulations'. Din il-leġiżlazzjoni tgħid x'inhuma d-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema, kif inhu sewwa u xieraq. Għandna nagħlqu kull bieb li jista' jkun hemm biex nevitaw li xi ħadd jabbuża minn xi ħaddiem, indipendentement min-nazzjonalità tiegħu, mill-kulur tal-ġilda tiegħu u mir-reliġjon tiegħu. Id-drittijiet tal-ħaddiema għandhom jiġu mħarsa dejjem. Fost affarijiet oħra, f'dawn ir-regolamenti hemm imsemmija l-basic working and employment conditions.

Sfortunatament is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul kien qiegħed waħdu waqt il-programm televiżiv li semmejt ftit ilu, għax xtaqt inkun preżenti jien ukoll biex ikollna diskussjoni tajba fejn stajna nħabbtu l-ideat tagħna ħalli naraw kif nistgħu ntejbu dak li hemm. Is-Segretarju Parlamentari qalilna li issa rridu nkunu nafu x'inhuma l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, fosthom kemm għandhom leave, kemm għandhom sick leave, kemm għandhom paga, x'tip ta' xogħol jagħmlu, jekk jaħdmux fil-Ħdud u l-festi kif ukoll jekk in-nisa tqal humiex qed jiġu protetti. Però din diġà kienet fil-liġi.

Sur President, fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja li għamilt referenza għaliha fis-subregolament 6(1) jingħad hekk:

> "(1) No payments or charges shall be demanded or levied on any temporary agency worker by the temporary employment Agency, in consideration for recruitment by a user undertaking or in consideration for concluding a contract of employment with a user undertaking".

Ta' min jgħid li l-"user undertaking" hu dak li qed jieħu s-servizz, jiġifieri ilna mill-2011 nafu li lill-ħaddiem ma stajniex neħdulu l-flus mill-paga.

Imbagħad fis-subregolament 6(2) jingħad hekk:

> "(2) No deductions shall be made from the wages of a temporary agency worker by the temporary employment agency whether in consideration of the circumstances mentioned in sub-regulation (1) …".

Bażikament hawn qed ngħidu li l-aġenzija li tħaddmu la tista' teħodlu xi flus mill-paga talli tkun qed tħaddmu u lanqas il-persuna li tkun qed tieħu s-servizz tiegħu. Għalhekk, naħseb li hawnhekk huwa importanti li ma niżvijawx billi namalgamaw dak li diġà kien hemm fil-liġi ma' dak li qed nipproponu, kemm permezz tal-Abbozz ta' Liġi li qed nitkellmu fuqu llum kif ukoll permezz tal-avviż legali li se jkun qed jaġġorna l-liġijiet eżistenti.

Issa se nsemmi xi ħaġa li nistgħu neħduha bħala tagħlima. Nistgħu niġu hawn ġew u ngħaddu miljun liġi imma jekk ma jkollniex infurzar, dawn il-liġijiet ikunu biss kliem fuq il-karta! Jiddispjaċini ngħid li sfortunatament hawn anke l-Gvern naqas għax hu kellu l-opportunità kollha li jara, anke permezz ta' ħaddiema li ġew intervistati minn gazzetti nazzjonali dwar kif qed jiġu sfruttati, li sitwazzjoni li tant iggravat tul is-snin, setgħet tiġi evitata.

Jien naqbel perfettament li d-DIER ikollu uffiċċju sabiħ li jixraqlu, għax kull ħaddiem għandu jkollu post diċenti fejn jaħdem. Jiġifieri huwa tajjeb li nfaqna €700,000 biex irranġajna dan id-Dipartiment. Jien għadni ma mortx inżuru, anzi l-verità hi li qatt ma ġejt mistieden. Kemm-il darba tlabt li niġi mistieden iżda sfortunatament, qatt ma stednuni, u din hija ħasra. Ħadt anke l-opportunità li ngħid prosit lill-kollega tiegħi l-Onor. Andy Ellul għal dan il-pass però bir-rispett kollu, daqskemm huwa importanti li l-ħaddiema jkollhom post diċenti fejn jaħdmu, daqstant ieħor huwa importanti li jkollhom biex jaħdmu, għax jekk ma jkollhomx biex jaħdmu ma jiswa assolutament xejn li f'dan id-Dipartiment hemm il-ħġieġ, il-kewba u l-irħam! (Onor. Membri: Hear, hear)

Jien ilni snin nitlob, sew kemm ilni Deputat kif ukoll qabel ma kont Deputat, biex id-DIER ikollu r-riżorsi neċessarji ħalli jkun jista' jwettaq xogħlu, kif nemmen li jixtieq jagħmel, għax li kieku kellna infurzar biżżejjed u dan il-Gvern infurza l-liġijiet li diġà kienu jeżistu, kieku żgur m'aħniex qegħdin fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum. Illum il-ġurnata għandna ħaddiema li qed jaħdmu f'sitwazzjonijiet ta' skjavitù. Illum il-ġurnata għandna sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiem li qed jipprovdi servizz qiegħed jiġi mkasbar, u dan kollu stajna nevitawh b'investiment fid-DIER, li tant u tant għandna bżonnu.

Hawnhekk ukoll nixtieq niġbed l-attenzjoni għall-emenda li saret fl-2018 għat-Temporary Agency Workers Regulations. Qabelxejn tajjeb ngħid li, fost oħrajn, dawn ir-regolamenti kienu jgħidu li d-dritt għal paga ugwali kien jingħata lil dak li jkun wara 14-il ġimgħa jaħdem bħala temporary agency worker, però din ġiet emendata biex minn 14-il ġimgħa dan il-perjodu jonqos għal erba' ġimgħat.

Araw kemm kienet attrezzata diġà din il-liġi, u dan mhux il-ġimgħa l-oħra imma fl-2018! Fil-fatt, hawn qed nirreferi għar-regolament 5 tal-Avviż Legali Nru 272 tal-2018. Din l-emenda kienet tgħid ukoll li jekk, għall-grazzja tal-argument, jien kont temporary worker u kont naf li se naħdem hemmhekk għal aktar minn erba' ġimgħat, jien għandi nidħol mal-ewwel bl-istess kondizzjonijiet u bl-istess paga.

Però din l-emenda ma waqfitx hemm u kompliet tgħid li jekk jien għamilt erba' ġimgħat nagħmel dak ix-xogħol u warajja ġie xi ħaddieħor jagħmel l-istess xogħol minfloki, dak ukoll irid jingħata l-istess paga. Kulħadd sema' bil-famuża frażi "equal pay for work of equal value". Però meta jien irnexxieli nsib dan l-Avviż Legali – u kont xortija tajba li sibtu għax kien moħbi waħda u sewwa! – u ppruvajt infittex biex nara jekk din l-emenda ddaħħlitx ukoll fit-Temporary Agency Workers Regulations, sibt li dawn qatt ma ġew emendati. Għalhekk, jien bdejt ngħid bejni u bejn ruħi: Allura persuna li nkisrilha dan id-dritt li semmejt, kif jista' jkun li tmur tfittex fil-liġi u din l-emenda ma ssibhiex? Għax il-Gvern fl-ebda ħin ma kkanċella din l-emenda u ħallieha tifforma parti mil-liġi, però fl-Att prinċipali ma tidhirx.

Dak il-ħin bdew jiġuni diversi mistoqsijiet f'moħħi. Pereżempju staqsejt: X'kien l-iskop? Forsi bi żvista? Forsi kien żball? Ħalli nagħtikom il-benefiċċju tad-dubju u ngħid li kien żball. Madankollu lili togħkorni ftit għajni għaliex din ma daħlitx, u għalhekk ikun tajjeb li meta jiġi biex jikkonkludi dan id-dibattitu, il-kollega u ħabib tiegħi l-Onor. Andy Ellul ikun jista' jfehimni għaliex emenda bħal din qatt ma daħlet fl-Att prinċipali.

Niġi issa għal xi ħaġa oħra li jien nemmen li ma indirizzajniex. Il-European Court of Justice, li tisma' ħafna każijiet tal-istati membri kollha, għamlitha ċara li d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-temporary workers teżiġi li jkun hemm perjodu stipulat ta' kemm wieħed jista' jdum jaħdem bħala temporary worker, għax ovvjament wieħed ma jistax jagħmel l-istess xogħol fl-istess post għal dejjem u jibqa' jissejjaħ temporary worker. Għalhekk, huwa essenzjali li nistipulaw kondizzjonijiet fuq kemm ħaddiem jista' jibqa' temporanju, inkella jista' jkun hemm lok għal abbuż. Din m'iniex qed ngħidha jien imma qed tgħidha l-European Court of Justice fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 ta' din id-Direttiva:

> ""assignment" means the period during which the temporary agency worker is placed at the user undertaking to work temporarily under its supervision and direction;"

Imma kemm hu twil dan il-perjodu? U x'inhuma l-kondizzjonijiet? Għax ħaddiem għandu dritt ikun jaf kemm hu twil dan il-perjodu u f'liema żmien jista' minn definit jiġi indefinit. Ma ninsewx li hemm il-perjodu tal-erba' snin ukoll. Però ħaddiem temporanju kemm jista' jdum jibqa' jaħdem bħala ħaddiem temporanju u ma jiġix meqjus bħala ħaddiem permanenti, u ċjoè bħala ħaddiem tal-post?

Issa niġi għad-differenza bejn outsourcing u temping. Fl-Att prinċipali nsibu d-definizzjonijiet ta' "outsourcing agency" u "temping agency" kif ukoll x'inhu x-xogħol tagħhom, u bażikament id-differenza bejn dawn iż-żewġ aġenziji hija li f'aġenzija minnhom ikollok supervisor filwaqt li fil-każ tal-aġenzija l-oħra ma jkollokx. Għalhekk hawn jien naħseb li għandna lok fejn nirranġaw ftit, u se nispjega għalfejn. Jien nemmen li t-tip ta' xogħol m'għandux jiġi biss marbut mas-superviżjoni imma wkoll man-natura tax-xogħol innifsu.

Outsourcing x'inhu? Skont il-liġijiet ta' pajjiżi oħra, outsourcing huwa business service. Pereżempju l-Onor. Claudette Buttigieg titlobni biex niżbogħ kamra. F'każ ta' outsourcing agency, is-sistema taħdem bħal meta l-Onor. Claudette Buttigieg tgħidli li trid it-tali kamra miżbugħa, iżda li hi ma jinteressahiex kif u x'fatta se nagħmilha u li dak se tħallih f'idejja. B'hekk jien qed nagħtiha servizz. Issa fil-każ ta' temping agency, is-sistema taħdem bħal meta tiġi l-Onor. Claudette Buttigieg u tgħidli li għandna bżonn xi ħaddiema biex tiżbogħ it-tali kamra, u allura jien nipprovdilha l-ħaddiema for hire biex imbagħad hi jew xi ħaddieħor jiggwidaw lil dawn il-ħaddiema u jgħidilhom fejn iridu jmorru kif ukoll x'tip ta' xogħol iridu jagħmlu.

Kif qed naraw, in-natura tax-xogħol hija differenti u allura li nagħmlu distinzjoni bejn outsourcing agency u temping agency sempliċement billi ngħidu skont jekk ikunx hemm supervisor jew le, wisq nibża' li se nkunu qed noħolqu a grey area għax 'il quddiem ix-xogħol jista' jevolvi b'mod differenti u temporary workers jibda jkollhom lil xi ħadd li jkun qed isegwihom, u allura awtomatikament dak jiġi outsourcing. Għalhekk, biex intejbu s-sitwazzjoni jien nemmen li d-definizzjoni ta' dawn iż-żewġ tipi ta' aġenziji għandha ssir skont it-tip ta' xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu l-ħaddiema tagħhom.

Sur President, se niġbed l-attenzjoni għal xi ħaġa oħra. L-Avviż Legali jistipula li jrid ikollok 25 sena biex ikun jista' jkollok employment agency jew employment business, però aħna nafu li llum il-ġurnata ta' 18-il sena tista' tkun direttur ta' kumpanija, u f'din il-Kamra pproponejna saħansitra li jinħatru sindki ta' 16-il sena.

Għalhekk, jien m'iniex qed nifhem eżattament għaliex qed norbtu l-età ma' dan ix-xogħol ġaladarba f'din il-Kamra qed naqblu li dak li jgħodd hija l-maturità tal-persuna. Aħna ma norbtux l-età mal-maturità, għax billi jkollok 25 sena ma jfissirx li inti awtomatikament tkun matur. Jista' jkun li persuna ta' 16-il sena jew ta' 18-il sena tkun matura ferm iżjed minn min għandu 25 sena. Hija ftit stramba wkoll li xi ħadd ta' 25 sena jista' japplika direttament għall-ħaddiema biex imorru jaħdmu miegħu imma mbagħad ma jistax ikollu aġenzija tal-impjieg jew employment business. Għalhekk, jien nemmen li anke hawnhekk għandna lok biex nirranġaw.

L-Onor. Ellul semma l-persuna kompetenti, u dan huwa pass pożittiv għax b'hekk jista' jkollna kumpaniji professjonali li jagħtuna xogħol professjonali. Però jien qed nara li jista' jkollna lakuna meta din il-persuna kompetenti titlaq. Pereżempju ejjew ngħidu li jien għandi kumpanija u għandi l-persuna kompetenti miegħi, imma din tgħidli li se titlaq. Il-liġi tikkejterja għal sitwazzjoni bħal din u tgħidlek li dik l-employment agency trid tinforma lid-DIER fejn tgħidlu li l-persuna kompetenti telqitlu u li dik ta' warajha, li se teħdilha xogħolha għalissa, hija t-talija. Però m'hemmx żmien stipulat sakemm wieħed irid jerġa' jsib persuna kompetenti.

Issa aħna qed nassumu li din is-sitwazzjoni hija inkluża f'dak il-perjodu ta' 30 ġurnata fil-każ li wieħed ma jkunx konformi mar-regolamenti, jiġifieri jeżisti żmien stipulat. Però hawn wieħed irid joqgħod ftit attent ukoll għax jekk jien għandi kollox sew, kif suppost u l-persuna kompetenti telqitli, jien xi ħtija għandi, fis-sens li kif irrid insib ħaddiem ieħor ta' dak il-kalibru bilfors fi 30 ġurnata?! Għax hawn irridu nammettu li l-kalibru hu wieħed għoli u fis-suq tax-xogħol m'intix se ssib il-persuna adatta li jkollha r-rekwiżiti kollha ta' persuna kompetenti daqshekk malajr. Għalhekk, jien inħoss li hawnhekk għandu jsir aktar djalogu biex naraw kif nistgħu nemendaw biex nindirizzaw din il-lakuna.

Xi ħaġa oħra li nixtieq niġbed l-attenzjoni dwarha hi li filwaqt li fil-liġi nsibu d-definizzjoni ta' outsourcing agency u ta' temporary work agency, la nsibu d-definizzjoni ta' recruitment agency u lanqas insibu xejn fuq l-irwol li din għandha. Jien naħseb li huwa importanti li ma nissopponux li wieħed bilfors ikun jaf x'inhi din l-imbierka recruitment agency. Meta tħares lejn il-liġi ssib ukoll li d-DIER m'għandux żmien stipulat biex iġeddidlek il-liċenzja. Il-liġi tgħidlek li jekk fi żmien xahrejn tagħlaqlek il-liċenzja u d-DIER ma jkellmekx, il-liċenzja tiġi rifjutata. Din hija xi ħaġa li trid tiġi indirizzata għax jekk id-DIER ma jkunx konformi mal-liġi u ma jitkellimx ma' dik il-persuna li qed tapplika biex iġġedded il-liċenzja tagħha fi żmien xahrejn, din titlef il-liċenzja tagħha awtomatikament.

Fil-fatt, l-Avviż Legali stess jgħid li fil-minuta li inti titlef il-liċenzja tiegħek, ma tkunx tista' tkompli topera. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm perjodu stipulat, anke bħala responsabbiltà, għax din ma nistgħux inħalluha

miftuħa. Jien nifhem li jkun hemm entitajiet li għandhom ħafna xogħol, u allura huwa importanti li nattrezzawhom bil-ħaddiema biex ikunu jistgħu jagħmlu xogħolhom. Però jien nemmen ukoll li hekk kif qed nistennew li l-privat ikun konformi ma' dan kollu u joqgħod mal-perjodu li għandu biex ikun konformi, hekk ukoll id-DIER għandu r-responsabbiltà li jintrabat bi żmien stipulat qabel ma jagħlaq iż-żmien li wieħed għandu biex tiġġeddidlu l-liċenzja.

Sur President, nixtieq insemmi xi ħaġa oħra li għandha x'taqsam mad-definizzjonijiet. Meta kienu qegħdin jiddraftjaw dan l-Abbozz ta' Liġi, bħala parti mill-avviżi semmew it-televiżjoni, il-gazzetti u oħrajn. Però, ħbieb tiegħi, qegħdin fl-2023 u lkoll nafu li llum il-midja soċjali qiegħda tintuża wkoll biex isir ir-reklamar!

Fil-liġi hemm imniżżel li trid issir xi ħaġa fuq il-website, u dik nifhimha, però r-reklamar fuq il-midja soċjali mhuwiex inkluż. Issa jien nemmen li dan sar bi żvista. U huwa għal din ir-raġuni li għandu jkun hawn djalogu paċifiku bejnietna, biex aħna ta' din in-naħa tal-Kamra nkunu nistgħu ngħidu x'naħsbu dwar l-abbozzi ta' liġi li jkollna quddiemna u kif nistgħu ntejbuhom. Dan it-tip ta' djalogu huwa essenzjali, u ħadd m'għandu jieħu fastidju għax aħna rridu li l-ħaddiema li għandna f'dawn is-setturi jkollhom l-aqwa kondizzjonijiet filwaqt li jkunu qed jobdu dawk ir-regolamenti li jagħtu ġieħ lil dan it-tip ta' xogħol.

It-temping agencies, l-aġenziji tal-impjieg u l-employment businesses iridu jgħidu wkoll x'tip ta' ħaddiema għandhom. Issa l-liġi tistipula li inti tista' taħdem kemm bħala temping agent kif ukoll bħala outsourcing agent, u s'hemmhekk m'għandna l-ebda problema. Imbagħad il-liġi tistipula wkoll li inti trid tagħti l-ismijiet tal-ħaddiema li għandek jaħdmu miegħek, però ma tistipulax li trid tgħid liema ħaddiema huma temporary agency workers, liema ħaddiema huma impjegati mal-outsourcing agencies, u liema huma dawk il-ħaddiema li huma kemm temporary agency workers kif ukoll impjegati mal-outsourcing agencies. Dan huwa essenzjali għax inkella jista' jingħata lok għall-abbuż. Il-liġi stess teżiġi li trid tipprovdi l-ismijiet tal-ħaddiema li għandek miegħek, però ma tistipulax li trid tindika x'tip ta' ħaddiema huma u x'inhu x-xogħol li qegħdin jagħmlu. Għalhekk, naħseb li jkun tajjeb li nagħmlu emenda f'dan is-sens biex nagħlqu l-bibien tal-abbużi u nimxu 'l quddiem.

Bħalma qal tajjeb il-kollega l-Onor. Andy Ellul, id-Direttur għandu dritt ma jġeddidx il-liċenzja ta' dawn l-employment agencies jew employment businesses, però min ikun qed jikser xi wieħed mir-regolamenti għandu 30 ġurnata ċans biex jirregolarizza ruħu. S'hemmhekk m'għandniex problemi, għax naħseb li 30 ġurnata huwa żmien suffiċjenti. Però jista' jkollok sitwazzjoni fejn jekk il-user undertaker, jiġifieri l-persuna li qiegħda tieħu s-servizz, tiġi f'sitwazzjoni li ma tkunx taf b'dan kollu u d-Direttur jiddeċiedi li ma jġeddidx il-liċenzja, f'dak il-każ din l-aġenzija trid tieqaf topera immedjatament.

Mela immaġina li jien għandi employment agency u qiegħed nagħmel xogħol ta' temping lil lukanda biex, pereżempju, nipprovdilha ċ-chambermaids, u darba fost l-oħrajn niġi informat li ksirt xi regolamenti. Ejjew ngħidu wkoll li jien fi 30 ġurnata ma jirnexxilix nikkuntenta lid-Direttur għax ma jkunx irnexxieli nirranġa s-sitwazzjoni, u min-naħa tiegħu d-Direttur jinfurmani li għalhekk mhux se tiġġeddidli l-liċenzja. Sussegwentement id-Direttur jippubblika d-deċiżjoni fil-gazzetta kif inhu obbligat li jagħmel. Il-persuna li tkun qiegħda tieħu s-servizz minn dakinhar se ssib ruħha mingħajr ħaddiema. Jien nemmen li sitwazzjoni bħal din tista' tiġi evitata. Għaldaqstant nissuġġerixxi biex mill-ġurnata li dan jiġi informat li qed jikser ir-regolamenti, dan ikun obbligat ukoll li jinforma lil dawk li qiegħed jagħtihom servizz ħalli jkunu jistgħu jippreparaw ruħhom f'każ li jispiċċaw bla ħaddiema.

Hawn stipulat ukoll li dawn iridu jagħtu n-numru tal-ID card kif ukoll il-post fejn jaħdmu. Jien naħseb li wieħed għandu jagħti wkoll in-numru tal-NI għax dan huwa numru uniku li ma jista' jintuża minn ħadd aktar ħlief minn dik il-persuna. U fil-każ tat-third country nationals (TCNs) li għandhom diversi numri ta' identifikazzjoni, jien jidhirli li jekk wieħed iżid ukoll in-numru tal-NI ikun aktar ta' benefiċċju għalina ħalli wieħed ikun jista' jifhem fejn qiegħed u x'qiegħed jagħmel dak il-ħaddiem.

Sur President, l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna qed jirreferi wkoll għall-famuża sitwazzjoni fejn l-aġenzija tkun qed iġġib lill-ħaddiema minn barra u jkun hemm aġenzija barra minn Malta li tkun qed tiċċarġjahom xi €4,000 jew €6,000 biex iġġibhom jaħdmu f'pajjiżna. Dawn huma każijiet li rajniehom u smajna bihom minn fuq il-midja. Issa jekk tpoġġu jdejkom fuq

qalbkom, intom taħsbu li huwa biżżejjed li ngħidu biss li jekk l-aġenzija dan tkun qed tagħmlu knowingly – din hija l-kelma li qed tintuża fl-Abbozz ta' Liġi – imbagħad trid tirrispondi?! Għax li għamel il-Gvern huwa li tefagħha fuq l-aġenzija tal-impjieg u qalilha: F'idejk! Jekk tkun taf, inti trid tirrispondi!

Apparti l-fatt li jista' jkun li l-aġenzija ma tkunx taf li qed isir dan l-abbuż, intom x'taħsbu li se jkunu qegħdin jagħmlu t-temping agencies biex jevitaw il-possibbiltà li jitilfu l-liċenzja minħabba f'hekk? Dawn se jgħidu lill-ħaddiema li jġibu minn barra biex jiffirmaw disclaimer li tgħid illi huma f'ebda ħin ma ħallsu xi flus lil xi aġenzija barra minn Malta biex jinġiebu f'pajjiżna. Allura intom taħsbu li b'dan il-mod se nkunu verament qegħdin nindirizzaw din is-sitwazzjoni? Jien ngħidilkom li m'aħniex! Forsi 'l quddiem inkunu nistgħu niddiskutu anke l-mod kif nistgħu naqilgħu lil dawn il-middlemen, għax diversi artikli fil-ġurnal *The Times of Malta*, fosthom dak li deher fit-3 ta' Lulju 2023, qed jgħidu li:

> "But even after paying thousands, many Indian nationals find themselves here without a job.
>
> The job they've been offered does not exist ..."

Dan hu abbuż ieħor li wieħed irid jindirizza u li għad irridu naraw. Issa jien napprezza l-fatt li r-regolamenti li qegħdin nagħmlu huma biex inżommu lill-aġenziji serji. Però realistikament qegħdin nindirizzawha din id-dilemma, jew qegħdin sempliċement nixxuttjaw il-ballun f'saqajn l-aġenziji biex aħna nkunu nistgħu ngħidu lill-kuxjenza tagħna li qegħdin nipprovaw nevitawha dik is-sitwazzjoni?!Għax biex nevitawha realistikament, irridu bilfors naraw kif se nagħmlu.

Jien nemmen li dak huwa l-mod serju li wieħed jista' jaħdem bih biex dawn it-tip ta' aġenziji jispiċċaw darba għal dejjem u forsi wieħed jibda jikkonsidra kif se nagħmlu biex il-Gvern, jew anke l-Jobsplus ikunu jistgħu jġibu lil dawn il-ħaddiema b'mod dirett. B'hekk inserrħu moħħna li nkunu qed naqtgħu dan l-abbuż. Fil-ħarġa ta' *The Times of Malta* tal-24 ta' Ottubru 2022, qrajna wkoll li:

> "Workers promised application 'fast-track' if they pay thousands".

Din ukoll hija sitwazzjoni li hemm bżonn nindirizzawha. Naf li l-aġenzija Identità qiegħda tieħu miżuri sabiex tkun tista' tindirizza din is-sitwazzjoni, però fir-realtà xorta ħallejna numru kbir ta' abbużi jitwettqu permezz ta' dawn ir-regolamentazzjonijiet.

Ħalli nipprova nispjega sitwazzjoni li qed tiġri llum. Il-Gvern joħroġ tender għal 40 ħaddiem biex ikunu outsourced miegħu xi mkien, u għal din it-tender japplikaw tliet aġenziji tal-impjieg. It-tliet aġenziji li huma interessati jieħdu din it-tender japplikaw biex iġibu 40 ħaddiem ġdid però fl-aħħar mill-aħħar aġenzija waħda biss tista' tirbaħ it-tender, bil-konsegwenza li 80 ħaddiem ikunu ġew Malta mingħajr m'għandna użu għalihom, u allura mbagħad irridu naraw fejn se nitfgħuhom u kif se nindirizzaw din il-problema. Imbagħad niġu ngħidu li rridu nġibu l-kwalità u mhux il-kwantità! Hawn ukoll m'aħniex qegħdin nindirizzaw il-problema reali li għandna nindirizzaw. Għamilna regolamenti u apparti li dawn ir-regolamenti jridu jiġu infurzati, xorta m'aħniex qegħdin nindirizzaw il-problemi reali li jeżistu hemm barra fit-totalità tagħhom.

Sur President, jien, bħas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, kont preżenti għall-konferenza tal-ACE, li nixtieq nirringrazzjahom minn hawnhekk għax-xogħol li wettqu. Wieħed mill-kelliema li pparteċipaw f'din il-konferenza u li għandu aġenzija tal-impjieg qal li qed jesperjenza sitwazzjoni fejn ta' kuljum qed ikollu bejn 30 u 40 walk-in, jiġifieri ħaddiema barranin li kienu jaħdmu ma' aġenziji oħrajn li ma kinux regolati, li dawn qegħdin jinkwetaw fuq din is-sitwazzjoni u allura qed iwaddbuhom 'il barra. Il-fatt li aġenzija waħda biss qed ikollha 30 jew 40 walk-in kuljum jikkonferma kemm din hija sitwazzjoni gravi u kemm aħna, anzi proprjament il-Gvern, jeħtieġ li jagħmel l-infurzar li hemm bżonn.

Il-Gvern seta' jinforza l-liġijiet li diġà kien hemm, iżda ma inforzahomx bil-konsegwenza li llum ninsabu f'din is-sitwazzjoni. Jien nirringrazzja lis-Segretarju Parlamentari tar-regolamenti għax huma regolamenti tajbin. U mela mhumiex tajbin! Hawn xi ħadd jista' jgħid li r-regolamenti biex permezz tagħhom nassiguraw li ma jitwettqux abbużi huma ħżiena?! Dik hija xi ħaġa li ħadd ma jista' jgħidha. Però rridu nammettu li l-abbużi li kienu qed isiru anke qabel stajna nindirizzawhom, imma evitajna li nindirizzawhom.

Illum kien hemm ukoll is-CEO tal-aġenzija Identità li beda jispjega l-proċess li bih inġibu lit-TCNs f'pajjiżna. Huwa qal li f'dan il-proċess jidħlu anke l-Pulizija u l-Jobsplus u li l-Jobsplus tagħmel a labour-market testing. Labour-market testing?! X'labour-market testing qegħdin nagħmlu?! Sur President, jien għamilt mistoqsija parlamentari lill-Ministru Clyde Caruana fejn staqsejtu kemm għandna TCNs li għandhom livell ta' edukazzjoni sekondarja, terzjarja jew aktar minn terzjarja, u hu weġibni li l-Jobsplus m'għandhiex din l-informazzjoni. Allura x'labour-market testing qegħdin nagħmlu?!

Lanqas biss nafu l-bażiku, u ċjoè x'livell ta' edukazzjoni għandhom dawn it-TCNs, aħseb u ara kemm nafu fejn qed nitfgħu lil dawn il-ħaddiema! Jekk il-Gvern verament irid jagħmel dak li l-Partit Nazzjonalista ilu żmien jitkellem fuqu, u ċjoè li mmorru għall-kwalità milli għall-kwantità, irid ibiddel dak li qiegħed jagħmel bħalissa stess u jieqaf jibbaża kollox fuq in-numru ta' ħaddiema li għandna bżonn u mbagħad naraw fejn se npoġġuhom minflok ma naraw x'tip ta' ħaddiema għandna verament bżonn.

Sur President, qabel ma nikkonkludi l-intervent tiegħi nixtieq nisħaq fuq kemm huwa importanti li jkun hemm min jara li jitwettaq dan ix-xogħol. Suppost għandna lin-National Skills Council li se jkun qiegħed jara li jitwettaq dan ix-xogħol, però anke hawn, il-liġi ilna li għaddejnieha mill-2016! Seba' snin ilu għaddejnieha l-liġi! Mela kellna seba' snin li matulhom stajna nutilizzaw lil dan il-Kunsill biex naraw li nibdew inġibu lill-ħaddiema li għandna bżonn bil-ħiliet li għandna bżonn, u matul dawn is-seba' snin aħna rmejna lil dawn il-ħaddiema 'l hemm, għax f'seba' snin in-National Skills Council jew m'eżistiex jew m'għamel xejn! (Onor. Membri: Hear, hear)

U kif naf li m'għamel xejn, Sur President? Għax qaluha huma stess! Fil-fatt, jekk tmur fuq il-paġna tal-Facebook tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ssib post li tgħid li "tibda l-ħidma sabiex tiġi żviluppata Strateġija Nazzjonali għall-Ħiliet". Mela għadha se tibda! Għadna m'għamilnihiex! Se nipprova nfehemkom għaliex qed ngħid hekk, għalkemm nixtieq li għandi aktar ħin għad-dispożizzjoni tiegħi.

Kif għedt, illum attendejna għall-konferenza tal-ACE fejn tkellimna dwar l-iskill card għas-settur tal-ospitalità u dawn il-ħaddiema, ġustament, kienu qed jieħdu t-€800 li kien qed jagħtihom il-Gvern. Prosit! Hekk għandhom isiru l-affarijiet! Jien fejn hu tajjeb ngħid li hu tajjeb. Però matul dawk is-sentejn li dawn il-ħaddiema kienu qegħdin id-dar stajna investejna fihom biex intejbulhom il-ħiliet li għandhom u mhux spiċċajna nħokku rasna dwar kif se ntejbu l-ħiliet tal-Maltin u l-Għawdxin kif ukoll tal-ħaddiema l-oħrajn li għandna ġo pajjiżna. Illum il-ħajja saret mgħaġġla u ħadd m'għandu ċans li jieqaf ftit u jsegwi xi kors, lanqas kors online.

Ejjew inkunu realistiċi. Morru tkellmu man-nies u staqsuhom jekk għandhomx ċans jieqfu siegħa jew sagħtejn biex ikunu jistgħu jsegwu xi kors. Jgħidulek: Fi xħin? Bejn it-tfal, il-homework, il-qadi, ix-xogħol, it-traffiku, u bejn forsi wieħed imur sal-clinic u jdum tliet sigħat jistenna żgur li m'għandux ċans! Imbagħad aħna rmejna l-opportunità li kellna matul dawk is-sentejn meta dawn il-ħaddiema kienu qegħdin id-dar minħabba l-pandemija tal-COVID-19!

Sur President, il-Ministru Clayton Bartolo qed jipproponi li jkollna skill card. Aħna min-naħa tal-Oppożizzjoni ilna żmien nitolbu skill card, u dan mhux biss fis-settur tal-ospitalità iżda f'diversi setturi oħra. Fil-fatt, kont għamilt din il-proposta saħansitra fil-maiden speech tiegħi. L-iskill card hija xi ħaġa tajba, u dan ħadd mhu qed jinnegah. Mela m'għandux ikollna ħaddiema b'valur miżjud biex ngħollu l-prodott lokali tagħna?! Hija xi ħaġa tajba! Però rridu noqogħdu attenti li noħolqu inċentiv u mhux deterrent. X'jiġifieri? Liema ħaddiem barrani bil-ħiliet li għandna bżonn se jħallas €570 biex jagħmel eżami online, jiġi hawn Malta, jerġa' jkollu joqgħod għal test u jekk allaħares qatt ma jgħaddix minn dan it-test jerġa' jintbagħat lura?

Ejjew nifhmu li dan se jħallas madwar €1,300 biex ikun jista' jiġi jaħdem hawn Malta, għax bejn il-prezz tal-iskill card u spejjeż oħrajn, l-ispejjeż biex jiġi jaħdem hawn Malta jitilgħu. Ejjew nifhmu wkoll li aħna qegħdin f'kompetizzjoni mhux biss fis-settur tal-ospitalità imma fi kwalunkwe settur, u l-kompetizzjoni għall-ħaddiema li huma skilled hija ferm u ferm akbar. Għalhekk, ejjew noqogħdu attenti li ma noħolqux sitwazzjoni fejn inkunu anqas attraenti minn pajjiżi oħra bil-konsegwenza li nitilfu lil dawk il-ħaddiema li permezz tagħhom inkunu nistgħu nżidu l-produttività, inkunu aktar kompetittivi u ntejbu l-prodott ta' pajjiżna. Dan mhux jien biss qed ngħidu imma qaluh ukoll

stakeholders oħrajn li pparteċipaw fil-konsultazzjoni pubblika. Fil-fatt, innotajt li anke l-ITS għamel din l-istess osservazzjoni li għamilt jien u se jkun qed iressaq xi proposti lill-Ministru.

Sur President, nixtieq nappella lill-Ministru biex jagħti kas dak li qed ngħidulu għax hu jitkellem man-nies, bħalma nitkellem jien, u suppost jaf li nistgħu noħolqu diżastru! Qed ngħid li qed nirriskjaw li nagħmlu diżastru mhux għax nagħmlu l-iskill card imma għax inkunu qed noħolqu diżinċentiv biex inġibu l-ħaddiema ġewwa pajjiżna. Jien nemmen li fi proċess bħal dan, għandna nagħmlu studju dwar l-impatt ekonomiku flimkien mas-settur tal-industrija biex naraw x'impatt se jkollha din il-policy mhux biss fuq dak li hu pożittiv jew inqas pożittiv, imma wkoll fi żmien qasir, medju u fit-tul. Ejjew nibbażaw dawn il-policies fuq studji u mhux meta naraw li għandna problema xi mkien sempliċement naqbdu u nipprovaw insolvuha bl-amment, għax inkella nidhru bħala dilettanti u ma nkunux qed nagħmlu ġieħ lil din il-Kamra. Huwa importanti li nibbażaw id-deċiżjonijiet li nieħdu fuq l-istudji.

Sur President, se nikkonkludi dan l-intervent billi nagħmel appell. Xtaqt għamiltu meta kien hawn il-Prim Ministru preżenti, imma laħaq telaq. F'dan il-pajjiż għandna bżonn capacity study ħalli nkunu nafu dak li għandna kif ukoll dak li neħtieġu. Għalhekk ejjew, qumu minn hemm u agħmlu dan l-istudju ħalli nkunu nistgħu noħolqu l-liġijiet li għandna bżonn! (Onor. Membri: Hear, hear)

Finalment nitlob il-permess biex inpoġġi d-dokument li għamilt referenza għalih fid-diskors tiegħi fuq il-Mejda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Web-page mis-sit tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER), dwar Aġenziji tal-Impjieg taħt it-titolu Information.

Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Clayton Bartolo.

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Sur President, wara kull impjieg hemm persuna. Dan huwa l-punt li rridu nitilqu minnu meta nitkellmu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi. Ejjew nagħtu d-dinjità li tixraq u li għandu jkollha kull persuna li qiegħda tfittex impjieg. Irridu nifhmu u napprezzaw li din id-dinjità għandha tirrenja f'kull settur u f'kull tip ta' impjieg. Jekk aħna m'aħniex se nagħtu din id-dinjità lin-nies, mela nkunu tlifna l-morali bażiċi tagħna bħala persuni.

Ejjew inkunu kuraġġużi magħna nfusna u nammettu li matul dawn l-aħħar snin kien hemm min abbuża f'dan il-qasam. Għaldaqstant naħseb li minflok ma sempliċement nitkellmu jew inkella nikkummentaw fuq il-midja soċjali, għandu jkollna l-kuraġġ li nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex ikollna reklutaġġ iżjed dinjituż ta' dawn il-bnedmin, huma min huma u ġejjin minn fejn ġejjin.

Permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi se jiġu standardizzati l-kondizzjonijiet tal-aġenziji tal-impjieg, se jiġu stabbiliti proċeduri ċari, se jkunu infurzati l-kondizzjonijiet tal-liċenzji u se jiġi żgurat ukoll li l-individwi kkwalifikati u kompetenti jkunu impenjati f'dan l-isforz. Kif qal tajjeb is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, – li rrid nifraħ lilu u lit-tim tiegħu għall-biċċa xogħol tant tajba li qegħdin iressqu hawnhekk – ir-regolamenti l-ġodda huma mmirati għal dawk l-aġenziji li joffru xogħol ta' reklutaġġ, servizz ta' xogħol temporanju u anke outsourcing. Dan kollu se jkun fundamentali għall-ħaddiema, inkluż għall-ħaddiema li għandna fis-settur tal-ospitalità.

Issa ħalli niġi biex nitkellem dwar ir-riforma tal-iskill cards. L-Abbozz ta' Liġi huwa messaġġ ċar li dan il-Gvern verament qed jara li f'Malta jkollna ħaddiema barranin abbli u mhux sfruttati. Aħna nemmnu li d-deċiżjonijiet li rridu nieħdu llum, għada pitgħada se jissarrfu f'xogħol ta' kwalità ogħla li jwassalna wkoll għal servizz ta' kwalità aħjar, għax jekk aħna rridu verament nagħtu l-kwalità lit-turist li jiġi pajjiżna, irridu nassiguraw li nkunu qed nipprovdulu s-servizz, li hu l-aktar ħaġa bażika.

Jista' jkollna l-isbaħ lukandi u ristoranti u nistgħu ninvestu fil-bajjiet u fil-promenades tagħna, iżda

jekk meta t-turist ikun qiegħed fir-ristorant jew fil-lukanda – u hawn ta' min jgħid li b'turist jien qed nirreferi kemm għat-turist barrani li jiġi jżurna u kemm għall-Malti, għax jien dejjem ġejt mgħallem li l-aqwa turist huwa l-Malti – ma jingħatax servizz ta' kwalità, ifisser li m'aħniex qegħdin nilħqu dak li hu bażiku. U l-kwalità xi tfisser? Il-kwalità tfisser li dak kollu li huwa bażiku jrid ikun qiegħed hemm. Issa turist hux qiegħed f'5-star hotel u jekk hux qiegħed jiekol f'ristorant immexxi minn familja, l-affarijiet bażiċi jridu jkunu dejjem hemm.

L-aktar ħaġa importanti għal dawn il-ħaddiema hi li jkunu kuntenti f'xogħolhom għax b'hekk biss imbagħad jistgħu jibdew konverżazzjoni u jaqsmu l-kuntentizza tagħhom mal-klijentela tagħhom. U aħna hemm irridu naslu. Qegħdin nieħdu dawn id-deċiżjonijiet illum għax illum il-ġurnata nafu li s-settur tat-turiżmu rkupra u qiegħed jisboq ir-riżultati tal-2019, li kienet l-aqwa sena li kellna bħala pajjiż fejn jidħol it-turiżmu. Għalhekk, issa huwa ż-żmien opportun li nieħdu dawn id-deċiżjonijiet u nimplimentawhom ladarba qed naraw li għandna riżultati bla ebda preċedent fin-numru ta' turisti li jżuru lil pajjiżna, fil-bed nights u fin-nefqa sinifikattiva ta' dawn it-turisti f'pajjiżna.

Proprju llum ħarġu r-riżultati għall-ewwel għaxar xhur ta' din is-sena, jiġifieri minn Jannar sa Ottubru ta' din is-sena, fejn jidher li żaru lil pajjiżna ftit aktar minn 2.5 miljun turist. Jidher ukoll li n-nefqa kumulattiva minn Jannar sa Ottubru qabżet b'mod notevoli dik tat-12-il xahar tas-sena 2019. In-nefqa tat-turist meta mqabbla mal-istess perjodu wkoll żdiedet, jiġifieri llum kull turist li jiġi Malta qed jonfoq iżjed flus mill-2019. Fil-fatt, filwaqt li fl-2019 in-nefqa totali f'sena kienet tlaħħaq iż-€2.2 biljun, fl-ewwel għaxar xhur ta' din is-sena n-nefqa kumulattiva kienet ta' €2.4 biljun. Hawnhekk wieħed jista' jara l-qabża li qegħdin nagħmlu fil-kwalità tat-turisti li qegħdin nattiraw lejn pajjiżna. U huwa għalhekk li rridu li jkollna servizz ta' kwalità, servizz li kapaċi jiddefinixxi jekk l-esperjenza tat-turist tkunx waħda tajba jew inkella waħda qarsa. Min imur f'ristorant jew f'lukanda jippretendi valur għal flusu, u jien ma nagħtihx tort, għax hekk huma l-affarijiet illum il-ġurnata. Dan it-trattament irid ikun għal kull klijent li jidħol f'dawn l-istabbilimenti.

Sur President, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) tinvesti ħafna f'reklamar li għalkemm qiegħed jissarraf f'suċċess, dak mhux kollox. L-ikbar reklam li jista' jkollna bħala pajjiż huwa minn dak it-turist li jiġi jżurna u mbagħad imur lura lejn pajjiżu, ifaħħar lil Malta u lil Għawdex mal-familja tiegħu kif ukoll ma' sħabu, u jħeġġiġhom biex huma wkoll jiġu hawn għall-btala tagħhom. Din trid tkun il-mentalità jekk aħna rridu li nagħmlu l-qabża li jmiss. Malta hija l-uniku pajjiż fost il-gżejjer fil-Mediterran fejn it-turiżmu jibqa' miftuħ is-sena kollha. Infatti, rapport tal-United Nations World Tourism Organization (UNWTO) jikklassifika lil Malta bħala l-inqas destinazzjoni li hija staġjonali kif ukoll minn ta' quddiem fejn jidħol l-irkupru turistiku għal din is-sena.

Għalhekk hawn qed naraw kif se jirnexxilna nsibu dik il-formula biex filwaqt li jkollna n-numru ta' turisti li hemm bżonn jiġu hawn Malta, mill-banda l-oħra dawn ikunu turisti li jonfqu iżjed flus. Il-fatt illi rridu aktar turisti jonfqu iżjed flus ma jfissirx neċessarjament li se nġibu inqas turisti, għax aħna rridu li n-nefqa tkun qegħda hemm u tkun qegħda tissarraf f'sostenibbiltà. Issa hawn ta' min jgħid li s-sostenibbiltà ekonomika hija pilastru importanti. Però mbagħad għandek iż-żewġ pilastri l-oħra tas-sostenibbiltà li wkoll huma importanti u li rridu nieħdu ħsiebhom: il-pilastru ambjentali u dak soċjali. L-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llejla forsi aktar qed jolqot lill-ewwel żewġ pilastri milli lit-tielet wieħed għax għandek l-element ekonomiku u l-element soċjali biex nagħtu dinjità lil dawn il-ħaddiema. Għalhekk, biex insostnu dan il-mudell turistiku għaż-żmien li ġej irridu nkomplu nieħdu dawn id-deċiżjonijiet li fiċ-ċentru tagħhom irid ikun hemm dejjem il-kwalità. Id-dibattitu fuq il-kwalità ilu ħafna għaddej, u nemmen li fl-aħħar qed jirnexxilna nilħqu dawn ir-riżultati, għax il-kwalità ma ġġibhiex biss bil-kliem fieragħ imma billi tieħu dawn id-deċiżjonijiet.

Hawn min iħobb jitkellem ħafna u jitkellem kif jaqbillu. Forsi jitkellem skont x'jitlagħlu fuq *Facebook* jew inkella fuq il-midja soċjali, dik li jien insejħilha bħala l-politika tal-midja soċjali. Dawn il-persuni huma l-istess persuni li talbu li jkun hemm l-iskill cards, imma mbagħad fl-istess waqt kienu l-unika entità li ma kinitx parteċipi fil-konsultazzjoni pubblika li għamilna dwar l-iskill cards. Għalhekk nistaqsi: Iriduhom l-iskill cards jew ma jriduhomx? Iridu jkunu parteċipi fil-konsultazzjoni pubblika jew ma jridux?

Hawn irrid nikkummenta dwar żewġ punti li għamel il-kollega l-Onor. Ivan Castillo. Le, mhux se jkun hemm deterrent biex ħaddiema barranin jiġu jaħdmu hawn Malta, u fil-fatt il-konsultazzjoni pubblika għalhekk saret, biex aħna nisimgħu x'qed jipproponu l-istakeholders u mbagħad inwettqu l-bidliet li hemm bżonn. Matul il-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin inħabbru dawn il-bidliet wara li ssir konsultazzjoni oħra speċifikament mal-istakeholders ewlenin tal-industrija. Hekk isiru l-affarijiet, Sur President, billi toħroġ pożizzjoni, tiddjaloga, fejn hemm bżonn tbiddel tbiddel, imma fl-aħħar tieħu deċiżjoni.

Qalulna li l-ħaddiema m'għandhomx ċans jitħarrġu billi jsegwu xi kors għax il-ħajja mgħaġġla. Jien irrid insemmi professjonisti li għandhom a Continuing Professional Education (CPE), fosthom l-accountants u l-awdituri li għandhom ħafna xogħol, imma s-sigħat ta' Continuing Professional Development (CPD) tagħhom xorta waħda jagħmluhom. Pereżempju anke l-gwidi jridu jagħmlu ammont ta' sigħat CPD kull sena u jagħmluhom ukoll.

Imma mbagħad fl-istess nifs qalulna li jridu li l-ħaddiema barranin li jiġu Malta jitgħallmu l-Malti. Mela tajjeb, minn naħa m'għandhomx ċans jagħmlu kors biex ikunu kapaċi jaħdmu fis-settur tat-turiżmu u min-naħa l-oħra dawn għandhom ċans jagħmlu kors biex jitgħallmu l-Malti! Il-ħajja jew hi mgħaġġla jew le! Però ma naħsibx li l-Membri tan-naħa l-oħra jistgħu jiddeċiedu, għax iridu jogħġbu lil Alla u lix-xitan fl-istess ħin!

Issa jew se nieħdu deċiżjonijiet prattiċi biex naraw kif nimxu 'l quddiem u nsibu sistemi tajbin li jistgħu jiġu implimentati, jew inkella noqogħdu sempliċement inparlaw, noħorġu b'ħafna xewqat u daqshekk! U din il-lista ta' xewqat sikwit joħorġu biha tal-Oppożizzjoni! Għalkemm f'dan il-każ niddubita kemm se joħorġuha, għax kien hemm min qal li dan mhuwiex il-mument opportun li l-Oppożizzjoni toħroġ il-proposti tagħha. X'differenza minn din in-naħa tal-Kamra! Aħna ċari, aħna se nieħdu d-deċiżjonijiet li għandna nieħdu biex inkunu nistgħu mmexxu fis-setturi tat-turiżmu u tal-ospitalità, jiġifieri fis-setturi li jaqgħu taħt il-Ministeru li mmexxi jien. Aħna qegħdin naraw li r-reklutaġġ tal-ħaddiema barranin ikun wieħed dinjituż.

Issa niġi għall-economic impact assessment. L-economic impact assessment sar, u dan ukoll kien wieħed mill-aspetti li ġew diskussi mal-istakeholders u li jaf ikun qed jinbidel fiż-żmien li ġej, għax aħna rridu nkunu ċerti li dak li qed nagħmlu, qed isir bis-serjetà. Mhuwiex veru li aħna dilettanti, u ladarba toħroġ is-sistema finali, se nkunu qed nuru li din mhijiex kwestjoni ta' dilettantiżmu imma hija kwestjoni ta' Gvern li jrid jiddeċiedi kif se jimxi 'l quddiem. Fl-aħħar qed insibu formula tajba li toħloq bilanċ bejn l-aspetti tal-kwalità kif ukoll tal-kwantità, biex b'hekk inkunu nistgħu nassiguraw li t-turiżmu verament ikun sostenibbli għaż-żmien li ġej.

Sur President, il-poplu għalhekk jibqa' jdur fuq il-Gvern għal dawn it-tip ta' soluzzjonijiet, għax ladarba qed nitkellmu fuq it-turiżmu, il-mument li nibqgħu ffokati biss biex inġibu n-numri spiċċa u għadda. Li kieku ridt jien, bħala Ministru, wara l-pandemija stajt ħadt id-deċiżjoni faċli ħafna li ngħid li rridu nilħqu tant turisti f'sena, mela ejja naqbdu u nġibuhom, mingħajr ma jkun jinteressani minn xejn aktar! Imma l-affarijiet ma jsirux hekk.

Filwaqt li huwa veru li l-pandemija tat lis-settur tat-turiżmu l-ikbar daqqa ta' ħarta li dan qatt qala' fl-istorja tiegħu, mill-banda l-oħra ppreżentatilna l-opportunità li nieħdu dawn it-tip ta' deċiżjonijiet. Irrid ngħid ukoll li deċiżjoni bħal din ma ġietx għax ħdimna matul dawn l-aħħar erba' ġimgħat. Dawn l-erba' jew sitt ġimgħat li għaddew kienu għall-konsultazzjoni pubblika. Xogħol bħal dan ikun ilu żmien jinħema biex imbagħad ikun jista' jittella' fuq l-aġenda nazzjonali, u għalhekk huwa importanti li nkomplu ninvestu fir-riżors uman, li huwa l-aqwa riżors li għandna bħala pajjiż.

Dawn in-nies huma l-aqwa ambaxxaturi tagħna. Dawn huma n-nies li jkunu qegħdin jiltaqgħu mal-klijentela meta jkunu qegħdin iservuhom u għalhekk irridu ninvestu fihom. Huwa importanti li ġaladarba wieħed ikollu l-iskill card ma jiqafx hemm imma jkompli jinvesti u jkompli miexi 'l quddiem. Ta' min jgħid li se nagħmlu wkoll liġi li tipprovdi iżjed trasparenza fejn jidħol ir-reklutaġġ ta' persuna li tkun ġejja minn pajjiżi barranin.

Sur President, dawn huma deċiżjonijiet importanti u bżonjużi li jikkonfermaw fejn irridu li pajjiżna jkun matul il-ħames snin jew l-għaxar snin li ġejjin. Fl-aħħar mill-aħħar, biex nibqgħu

kompetittivi rridu nkunu wkoll dixxiplinati għax b'hekk biss lil pajjiżna nistgħu nqabbduh ir-rotta li verament irridu nqabbduh. Però bir-riżultati turistiċi li għandna u b'dawn ir-riformi jien konvint li t-turiżmu f'Malta se jkompli jissaħħaħ, u fuq kollox anke l-pajjiż kollu kemm hu se jkun aħjar milli huwa llum. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, jien nixtieq nirringrazzja lill-Ministru Clayton Bartolo, li fl-aħħar fehem dak kollu li kienet ilha tgħid l-Oppożizzjoni, u ċjoè li rridu nitkellmu fuq turiżmu ta' kwalità u mhux fuq numri! (Onor. Membri: hear, hear) Grazzi ħafna, Ministru Bartolo, għaliex illum inti tkellimt b'mod fejn kważi kważi jien tfixkilt intix qiegħed fuq dik in-naħa jew fuq din in-naħa tal-Kamra, kemm meta tkellimt fuq id-dinjità, kemm meta tkellimt fuq il-morali, kemm fuq l-abbużi, kemm fuq il-bżonn ta' ħaddiema abbli u mhux sfruttati, kemm fuq servizz ta' kwalità kif ukoll fuq is-sostenibbiltà, li hi parti mill-environmental, social and governance (ESG) framework. Insomma, fi ftit kliem inti tkellimt fuq kull tip ta' suġġett li aħna ilna ħafna nitkellmu dwaru minn din in-naħa tal-Kamra!

Bħalma qal il-Ministru, in-nefqa tat-turist żdiedet, imma l-esperjenza, dik li tissejjaħ "memorable tourism experience" (MTE), marret lura, u huwa għalhekk li llum il-Ministru Clayton Bartolo ġie hawnhekk jgħid li għandu bżonn ħaddiema ta' kwalità. Għax illum il-Ministru għandu pressjoni qawwija mill-investituri Maltin li qed jaħdmu fis-settur tat-turiżmu, li qed jgħidulu li m'għandhomx biex jaħdmu għax min suppost qiegħed jaħdem mal-ITS, – li llum mhix qiegħda f'din il-Kamra – qatt ma marret għax-xogħol, u taw il-flus lill-ITS minflok ma investewhom f'nies ta' kwalità li jridu jgħallmu liż-żgħażagħ tagħna biex ikunu verament ħaddiema ta' kwalità fis-settur tat-turiżmu!

Jien ma ġejtx biex nitkellem fuq dan is-suġġett, imma ma stajtx ma nikkummentax dwar din il-qabża ta' kwalità fid-diskors tal-Ministru Clayton Bartolo! Illum jien ġejt hawnhekk biex nitkellem fuq l-emendi li għandna quddiemna. Bħalma qal l-Onor. Ivan Castillo, aħna qegħdin naqblu mal-Abbozz ta' Liġi u ġaladarba qed insemmi lill-Onor. Ivan Castillo, nixtieq nifraħlu għad-diskors verament tajjeb u ppreparat li għadu kemm għamel. Meta kont qed nipprepara dan id-diskors, jien segwejt ukoll il-programmi li ħa sehem fihom is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, fosthom il-programm "Vi jew Va", u meta smajtu bdejt ngħid: Minuta waħda, jiġifieri dan x'qiegħed jgħid, li assolutament m'għandniex liġijiet li jirregolarizzaw dak li qed nitkellmu fuqu llum? Għax dan mhuwiex minnu!

Bħalma għadna kemm smajna issa, in-naħa l-oħra tal-Kamra għandhom dan it-talent grandjuż li dak li jkun iswed isejħulu abjad għax qed jgħidu li ma kienx hemm liġijiet, mentri l-liġijiet ilhom li bdew jidħlu fis-seħħ mill-1996 iżda ma kinux qed jiġu infurzati. Mela l-ewwel ipprovaw ibellgħuha lin-nies li l-liġi ma teżistix, imbagħad illum minflok ma ppreżentaw liġi ġdida ġew jippreżentaw emendi għal liġijiet eżistenti! (Onor. Membri: Hear, hear) Minnha nnifisha dik hija prova li l-liġi teżisti. Però aħna naqblu ma' dawn l-emendi għax huma emendi tajbin li suppost se jsolvu ħafna mill-problemi li għandna bħalissa ġewwa l-pajjiż.

L-Onor. Ivan Castillo semma l-eżempju ta' tliet aġenziji tal-impjieg differenti li jitfgħu t-tender għall-ħaddiema u minn tlieta tintgħażel waħda. Issa hawnhekk l-Onor. Castillo qed ikun moderat f'li qed jgħid għax fil-verità seta' kien hemm ħafna aktar minn tlieta, imma ejjew ngħidu li kien hemm tlieta u allura jiġu f'pajjiżna ħafna aktar ħaddiema milli kien hemm bżonn. Imbagħad xi jsir minnhom dawn? F'waħda mid-diskussjonijiet li saret fuq il-midja – jidhirli kien il-programm "Insights" – is-Segretarju Ġenerali tal-Malta Employers Association (MEA), is-Sur Joe Farrugia, ukoll ġibed l-attenzjoni għal dan - u intom qbiltu miegħu - meta rrimarka li ġaladarba aġenzija tiegħu dik il-kedda kollha biex iġġib 20 ruħ, din tgħidlek li liberament tista' ġġib 200. U hekk qed jiġri, Sur President. Din hija l-problema!

Aktar kmieni l-Onor. Ivan Castillo rrefera għan-numru ta' aġenziji liċenzjati fuq il-website tad-DIER u bħalma qal hu, la hemm aktar minn 200 aġenzija liċenzjati, mela liċenzja diġà teżisti. Din hija prova oħra ta' kemm m'aħniex qed nibdew minn żero imma se ntejbu fuq li hemm. Tajjeb! Mela diġà kien hemm xi ħaġa u issa se ntejbuha. Hekk għandu jkun id-diskors u mhux nagħtu l-impressjoni li se titla' x-xemx illum!

Veru li hemm affarijiet li jridu jitjiebu u jiġu aġġornati, però jien qgħadt nistudja daqsxejn dik il-lista tal-aġenziji u minn dawn l-aġenziji, 37 ġew liċenzjati bejn l-1995 u l-2012. Fost dawn hemm l-aktar aġenziji stabbiliti ġewwa pajjiżna, jiġifieri l-aġenziji li huma marbutin mal-Big Four, mas-settur tal-gaming u ma' industriji oħra, fosthom mas-settur tas-saħħa u tal-carers.

Aktar minn 170 aġenzija jew individwi ġew liċenzjati bejn l-2013 u l-2023. Issa kull sena bejn l-2013 u l-2017 kien hemm dejjem inqas minn għaxar aġenziji li ġew liċenzjati, filwaqt li fl-2018 kien hemm 18-il aġenzija. Fl-2019, jiġifieri qabel ma faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, kien hemm 34 aġenzija li ġew liċenzjati. Suppost li l-Gvern preżenti, li kien ukoll il-Gvern ta' dakinhar, diġà kien beda jinduna x'qiegħed jiġri fil-pajjiż la kienu qed jinħarġu dawn il-liċenzji kollha għall-aġenziji. F'sena waħda ħarġu 34, daqskemm ħarġu liċenzji fis-17-il sena l-oħrajn kollha flimkien! Imbagħad ġiet il-pandemija tal-COVID-19 u nħarġu 19-il liċenzja fl-2020, 13-il liċenzja fl-2021, f'daqqa waħda fl-2022 inħarġu 26 liċenzja, u din is-sena nħarġu 26 liċenzja oħra.

Fid-diskors tiegħu llum is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul qal li ilu sena jiddiskuti mal-imsieħba soċjali fuq dan is-suġġett, u għalhekk dan ifisser li l-Gvern kien jaf li għandu problema minħabba li għandu numru enormi ta' liċenzji. Allura ngħid jien, la l-Gvern kien ilu sena jiddiskuti mal-imsieħba soċjali fuq dan is-suġġett, għaliex ma bediex jirregola dawn l-affarijiet qabel? Din hi l-mistoqsija prinċipali! Wara li nħarġu dawn in-numri enormi ta' liċenzji, possibbli li l-Gvern issa nduna li għandu jagħmel xi ħaġa?! Kellu jinduna qabel. Biss biss fl-2019 in-numru ta' talbiet biex jinfetħu dawn it-tip ta' aġenziji diġà kien sploda.

Sur President, illum jien xtaqt naqbad fuq aspett li s'issa ma ssemma assolutament xejn. Jorbot daqsxejn mas-settur tat-turiżmu, imma mhux biss. Dan għaliex f'pajjiżna hemm aġenziji li jirreġistraw ħaddiema li ġejjin Malta biex jaħdmu ġo massage parlour, iżda dawn jispiċċaw jaħdmu ġo massage parlours li mhumiex massage parlours u jispiċċaw jaħdmu wkoll f'gentlemen's clubs li ma tantx huma gentlemanly! L-ewwel l-Onor. Ivan Castillo semma l-kwestjoni tal-abbuż, u jien nispera li l-infurzar ta' dak li qed ngħaddu llum jirrifletti anke f'dan ir-rigward.

Skont rapport li joħroġ mill-Istati Uniti jidher li aħna kull sena qed nittraffikaw lill-persuni f'dan il-pajjiż. Ġieli anke tfal qed jiġu traffikati. Din hija xi ħaġa serja ħafna, u naħseb li għandha tiġi indirizzata b'mod immedjat. U aspett marbut ma' dan l-abbuż serju hu li wħud minnhom, għalkemm numru żgħir, huma reġistrati hawnhekk ukoll. Għalhekk, irridu naraw min huma dawn l-aġenziji. Irridu naraw ukoll jekk il-ħaddiema li qed iġibu ġewwa pajjiżna għandhomx il-libertà li jitilqu minn pajjiżna, jekk hux minnu li qed jitteħdilhom il-passaport, bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu jitilqu minn pajjiżna, u jekk hux minnu li dawn qed jiġu sfruttati ġo massage parlours kif ukoll ġo gentlemen's clubs.

Sur President, dawn mhux biss m'għandhomx il-possibbiltà li jitilqu minn pajjiżna tafx, għax uħud minnhom qegħdin jgħixu saħansitra f'postijiet fejn ikun hemm bouncer daqsiex mal-bieb prinċipali tal-appartamenti li ma jkunx qiegħed hemmhekk biex jipproteġi lilhom ħalli ma jidħol ħadd fuqhom, imma jkun qiegħed hemmhekk biex jikkontrolla li ħadd minnhom ma jaħrab! Din hija realtà li qiegħda tiġri ġo pajjiżna, u hija realtà tal-biża'. Meta tiltaqa' ma' min jaħdem f'dan is-settur, partikolarment ma' min jipprova jgħin lil dawn in-nisa li qegħdin jgħixu din ir-realtà tat-twerwir, tinduna li għandna sitwazzjoni serja ħafna ħafna. Għalhekk, jien qed nittama bil-kbir li l-emendi li għandna quddiemna llum se jindirizzaw anke din il-kwestjoni. Irridu nkunu nafu li hemm aġenziji li trid titteħdilhom il-liċenzja għax huma aġenziji li qed jagħmlu dan it-tip ta' xogħol illegalment.

Issa s-Segretarju Parlamentari qalilna li l-infurzar se jsir u li dan se tagħmlu l-Pulizija. (Interruzzjonijiet) Jien hekk fhimtek.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Ma fhimtx!

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Mela fhimtek ħażin. L-ewwel inti għedt li l-infurzar ... (Interruzzjonijiet) Iva, napprezza jekk tispjegali.

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, bil-permess tal-Onor. Buttigieg. Jekk jogħġbok spjega fil-qosor ħafna għax għandek il-winding up.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, jien qatt ma għedt li l-infurzar se jsir mill-Pulizija. Rigward l-infurzar, il-Pulizija xogħolha se jkun li

tipprovdi lid-DIER il-pakkett ta' informazzjoni dwar id-due diligence, iżda l-awtorità kompetenti hija d-DIER.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Mela fuq dak l-aspett se tinvolvu lill-Pulizija. Fhimtek sew issa? (Interruzzjonijiet) Tajjeb! Il-Pulizija jafu li se jkunu involuti f'dan il-proċess?

**L-ISPEAKER:** Onor. Buttigieg, nitolbok biex tindirizza lis-Sedja u tkompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Skużani, Sur President, imma bħalma kemm-il darba għedna f'din il-Kamra li l-Pulizija ta' pajjiżna mgħobbijin b'xogħol aktar milli jifilħu – u llum għandna diversi rapporti li qed jgħidu l-istess ħaġa – issa nisperaw li m'aħniex se nġibu xi skuża oħra li ma nistgħux inlaħħqu biex naraw li l-affarijiet isiru sew! Però nittama li jien qed inkompli nifhem ħażin!

Sur President, l-aktar ħaġa li tinkwetani f'dan il-pajjiż hija li kull min b'xi mod ipprova jinforza r-regolamenti u l-liġijiet twarrab, ingħalaqlu ħalqu u m'għadux effettiv. Dan hu li jinkwetani lili, li llum f'dan il-pajjiż ħadna d-drawwa li ngħidu "u iva, mhux xorta?!" u nagħlqu għajnejna għal dik u nagħlqu għajnejna għall-oħra!

Ħadd ma jista' jmerini fuq dan għax bħalma qal l-Onor. Ivan Castillo qabli, mhux il-każ li ma kienx hemm liġijiet. Kien hemm liġijiet, imma ma kinux qed jiġu infurzati. Għaldaqstant il-Gvern x'garanzija qed jagħtina li verament se ninfurzaw dak li qed jiġi propost illum f'dan l-Abbozz ta' Liġi? Għax kif qal l-Onor. Ivan Castillo wkoll, huwa inutli li niktbu l-liġijiet – u jien ma nafx kemm-il darba għamiltu dan id-diskors, u s-Sedja dejjem tismagħni – jekk imbagħad dawn ma jiġux attwati jew infurzati. Inkunu erġajna ħlejna l-ħin ta' din il-Kamra, ħlejna l-linka fuq il-karta imma agħar minn hekk, meta nagħmlu dan inkunu qed noħolqu konsegwenzi serji.

Jien semmejt lin-nisa li qed jiġu sfruttati kemm fil-massage parlours u anke fil-gentlemen's clubs. Dawn xi ħadd ġabhom Malta, għax tliet kwarti minnhom, jekk mhux kollha, huma barranin. Xi aġenzija ġabithom Malta lil dawn in-nies! U mhux nibqgħu nagħlqu għajnejna għal din ir-realtà u nibqgħu ngħidu "għax dak ta' dak", "hemmhekk hemm involut l-ieħor", u "dak tmissux għalissa".

Aħna lanqas biss ninfurzaw il-liġi fuq l-imwejjed u s-siġġijiet, aħseb u ara fuq negozji li jagħmlu miljuni ta' ewro mill-isfruttament tan-nies! Miljuni jagħmlu! U t-traffikar tal-persuni mhux biss qed isir biex jiġu minn barra minn Malta għal pajjiżna. Qed isir traffikar ieħor ġo pajjiżna! Il-gentlemen's clubs qed ipartu lin-nisa minn wieħed għall-ieħor u jgħidu: Għax issa lil din ilhom jarawha ħafna tiżfen, u allura partatli lil din ma' dawk it-tnejn! Din hi l-verità! Din hi r-realtà, u dawn huma "ħaddiema" li għaddew minn dawn l-aġenziji!

Din hija xi ħaġa li tinkwetani ħafna għax dawn in-nisa m'għandhomx vuċi. Dawn in-nisa m'għandhomx vot. Dawn in-nisa huma sfruttati, ikkontrollati u ma jistgħu jagħmlu xejn. Għalhekk, aħna għandna d-dmir li nieħdu ħsiebhom. Fl-aħħar mill-aħħar aħna qegħdin hawn biex nitkellmu għall-aktar nies vulnerabbli, mhux biss Maltin imma anke barranin, għax le, aħna m'aħniex xenofobiċi! (Onor. Membri: Hear, hear) Mhux tidħak, Segretarju Parlamentari! Li jkun hemm min jiġbed l-attenzjoni li l-ammont ta' ħaddiema barranin huwa problema mhuwiex xenofobiku! Wara kollox, illum anke l-Ministru għat-Turiżmu ġie jgħid eżattament l-istess diskors tagħna, jiġifieri li rridu nħarsu lejn il-kwalità u mhux lejn il-kwantità. Mela sinjal li għandna raġun! Għandna raġun!

Sur President, aħna naqblu mal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum għax l-emendi li fih huma tajbin. Imma issa nisperaw li l-ewwel nett jiġu attwati kif suppost, it-tieni nisperaw li jsir l-infurzar u t-tielet, nisperaw ... Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul semma xi ħaġa li hija interessanti ħafna, dik li hemm kumitat kompost minn uffiċjali ta' entitajiet differenti, u ċjoè minn Identità, mill-Ministeru għat-Turiżmu, minn Jobsplus u mid-DIER. Hekk għandu jkun, imma għal kulħadd. Għal kulħadd, għal kull aġent u għal kull ħaddiem! Dak hu li rridu aħna! Irridu li verament ikun hemm trasparenza u rridu li tassew il-liġi tiġi infurzata. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Nifhem li nistgħu ngħaddu għall-Aġġornament? Hawn qbil. Nistieden lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament tal-Kamra.

*Id-diskussjoni ġiet interrotta u baqgħet aġġornata.*

*Fis-6.56 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada t-Tlieta, 5 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) - Tieni Qari (Kont.);;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8)- Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5)- Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6)- Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7)- Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru - Tielet Qari;

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet – Votazzjoni;

Estimi Ġenerali għas-sena 2024 – Kumitat ta' Provvista

Approprjazzjoni u l-Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) – Votazzjonijiet.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, f'dan il-ftit ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi f'dan l-aġġornament se nerġa' nitkellem dwar is-servizzi offruti fil-GU Clinic kif ukoll dwar il-ħtieġa imminenti li l-mediċini Pre-Exposure Prophylaxis (PrEP) kif ukoll il-Post-Exposure Prophylaxis (PEP) jingħataw b'xejn, hekk kif ġie mwiegħed proprju minn dan il-Gvern. Infakkar ukoll li din il-wegħda kienet imniżżla anke fil-Manifest Elettorali tal-Partit Nazzjonalista.

Se nibda bil-GU Clinic, jiġifieri b'dik il-klinika fl-Isptar Mater Dei li tikkura l-problemi u l-infezzjonijiet li jittieħdu mis-sess. Ninsabu fis-sena 2023 u suppost għandna Gvern progressiv, iżda donnu l-qasam tas-saħħa sesswali għadu tabù. Kemm se ndumu nixħtu l-problemi taħt it-tapit? Kemm se ndumu nħallu kollox għaddej? Wasal iż-żmien li l-Gvern jieħu lil dan il-qasam bis-serjetà qabel ma jkun tard wisq.

Hawnhekk irrid nagħmilha ċara li kull min hu attiv sesswalment qiegħed f'riskju. Il-mard sesswali mhuwiex mard li jolqot lil xi kategorija partikolari ta' nies iżda jista' jolqot lil kulħadd. Hemm diversi tipi ta' infezzjonijiet li jittieħdu mis-sess, u minn kwalunkwe tip ta' sess. Filwaqt li nirringrazzja lit-tobba u lill-infermiera li jaħdmu fil-GU Clinic u nfaħħarhom għad-dedikazzjoni tagħhom, jiddispjaċini ngħid li din il-klinika mhijiex tiffunzjona kif suppost.

Din ċertament mhijiex il-ħtija tal-professjonisti li jmexxu din il-klinika, iżda l-ikbar problema dejjem tibqa' n-nuqqas ta' riżorsi. Filwaqt li nafu li l-mard trażmess mis-sess jittieħed, għal appuntament ta' rutina fil-GU Clinic tal-Isptar Mater Dei għadek trid tistenna, anke meta jkun hemm sintomi ta' mard. Fiha nnifisha din diġà qiegħda toħloq periklu, b'mod partikolari meta persuna tkun attiva sesswalment.

Sur President, ma nistax nifhem kif illum, meta wieħed iċempel lill-GU Clinic, qegħdin jistaqsuk għandekx sintomi, għax dan il-mard mhux dejjem juri sintomi, iżda l-infezzjoni xorta waħda tkun qiegħda fuq il-persuna. Barra minn hekk, wieħed jista' jagħżel li jgħid li għandu s-sintomi anke jekk ma jkollux, biex minflok ma joqgħod jistenna, ikun jista' jinqeda fi ftit jiem. Prattikament is-sistema qiegħda ġġiegħel lin-nies ma jgħidux il-verità għax min ikun inkwetat li ħa xi infezzjoni żgur li ma jistax jistenna, la ġranet u lanqas xhur.

Għalhekk, għal darb'oħra nappella sabiex il-ħinijiet li fihom tkun miftuħa l-GU Clinic jiġu estiżi. Hemm bżonn li din il-klinika tkun miftuħa l-ġurnata kollha sa tard filgħaxija mit-Tnejn sal-Ħadd, jiġifieri s-Sibt u l-Ħadd ukoll. Qed ngħid dan għax bħalissa tinfetaħ biss mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Ġibduli l-attenzjoni wkoll li dan l-aħħar qiegħda tintalab il-karta tal-identità ta' min ikollu bżonn imur il-GU Clinic u hawn nistaqsi: Għaliex saret din il-bidla? X'sens fiha din li wieħed

jintalab il-karta tal-identità meta għadni kif għedt li s-sess għadu daqshekk tabù f'għajnejn bosta nies hawn Malta, b'mod partikolari meta aħna pajjiż żgħir fejn kulħadd jaf lil kulħadd?

Jien m'għandix dubju mill-integrità tal-professjonisti li jaħdmu f'din il-klinika, iżda ejjew naħsbu f'dawk in-nies li jmorru għal dan it-tip ta' servizz għax issa dawn xorta se joqogħdu lura milli jattendu din il-klinika minħabba li ħafna minnhom żgur li mhumiex se jieħdu gost li jkollhom jikxfu l-identità tagħhom. Għaldaqstant nappella għad-dritt li persuna tibqa' anonima. Ejjew nagħmluha aktar faċli għan-nies li jfittxu l-għajnuna u l-kura fejn hemm bżonn u mhux nagħmluhielhom aktar diffiċli. L-Istat huwa obbligat li jassisti persuni li jimirdu minħabba s-sess, anzi idealment għandna nipprevjenu li n-nies jimirdu.

Hawn bżonn li jsiru kampanji qawwija ta' edukazzjoni sabiex kemm jista' jkun nipprevjenu l-mard u t-tixrid tiegħu, u dawn iridu jkunu kampanji edukattivi li jolqtu fil-laħam il-ħaj. Ukoll, se nerġa' nappella lill-Gvern sabiex iqassam jew joffri l-kontraċettivi b'xejn, li jipprevjenu jew inaqqsu l-infezzjonijiet li jittieħdu mis-sess. Ejjew inkunu proattivi.

Kif għedt fil-bidu, hemm ħtieġa imminenti li l-mediċni PrEP u PEP jingħataw b'xejn, jiġifieri li dawn jiddaħħlu fil-formularju tal-Gvern, għax din hija xi ħaġa li diġà wegħedha l-Gvern iżda li għadu ma wettaqhiex. Infakkar li fis-sena 2021 Malta ġiet iddikjarata bħala l-aktar pajjiż fl-Unjoni Ewropea li fih instabu każijiet ta' HIV *per capita*. Ir-rata kienet ta' 15.9 għal kull 100,000 persuna. Jirriżulta wkoll li mill-2011 ir-rata ta' każijiet ta' HIV irdoppjaw. Dawn żgur li mhumiex affarijiet u aħbarijiet sbieħ.

F'Lulju ta' din is-sena d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, proprju wara mistoqsija parlamentari li għamiltlu, stqarr li fis-sena 2022, jiġifieri s-sena l-oħra, kien hemm 103 każijiet ġodda ta' HIV. Jekk tikkompara din l-istatistika ma' dik ta' Amsterdam, fejn fl-2022 kien hemm biss disa' każijiet f'belt b'popolazzjoni ta' 1,166,000, jidher biċ-ċar li n-numri f'pajjiżna baqgħu telgħin u għadna fost il-pajjiżi bl-aktar trażmissjoni għolja ta' HIV fl-Ewropa.

Il-Gvern wiegħed li jintroduċi l-PrEP bla ħlas fil-gżejjer Maltin, però din il-mediċina bżonjuża għadha trid tinxtara, b'ħafna ma jistgħux jaċċessaw din il-mediċina, u dan jgħodd ukoll għall-PEP. Il-PrEP hija l-aktar mod effettiv sabiex tipproteġi persuna mit-trażmissjoni tal-HIV. Skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) tal-Istati Uniti, jekk il-PrEP tiġi użata b'mod korrett, hija 99% effettiva sabiex tipprevjeni t-trażmissjoni tal-HIV minn kuntatt sesswali. Nistgħu ngħidu li din il-mediċina hija wkoll aktar cost-effective ikkomparata mat-trattament tal-HIV li jrid jittieħed kuljum għall-kumplament tal-ħajja ta' persuna li tkun affettwata. Din tiswa €56.70 fix-xahar, prezz li sfortunatament għadu jservi ta' deterrent għal ħafna nies li għandhom bżonn il-PrEP.

Mill-banda l-oħra, il-PEP tittieħed wara att sesswali meqjus ta' riskju għoli, u hija ħafna aktar għolja fil-prezz, tant li tiswa madwar €600. Din il-mediċina trid tittieħed ukoll fi żmien 72 siegħa wara l-att sesswali sabiex tkun effettiva. Ta' min jgħid ukoll li r-riċetta tat-tabib tista' tinkiseb biss mill-GU Clinic, u allura meta din tkun magħluqa, wieħed ikollu jmur l-Emerġenza. F'Malta kollha hemm biss żewġ spiżeriji li jbigħuha, u dan il-fattur ikompli jżid id-diffikultà sabiex persuna taċċessa din il-mediċina.

Sur President, nixtieq nappella sabiex il-mediċini tal-PEP u l-PrEP jingħataw b'xejn illum qabel għada, hekk kif kien imwiegħed. Nappella wkoll biex f'dan il-qasam tas-saħħa daqstant delikat inkunu tassew proattivi. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, sena u nofs ilu jien, bħala Whip ta' din in-naħa tal-Kamra, flimkien mal-Onor. David Agius, konna għamilna talba f'isem l-Oppożizzjoni sabiex iż-żewġ naħat tal-Kamra jibdew jieħdu lil dan il-Parlament bis-serjetà. Dan għamilnieh b'sens ta' dover u rispett lejn din l-ogħla istituzzjoni fil-pajjiż. Is-Sedja taf sewwa, għaliex tmexxi wkoll il-House Business Committee (HBC), li qabel Lulju tas-sena li għaddiet, però mbagħad bil-miktub fil-11 ta' Lulju, jien u l-Onor. David Agius bgħatna ittra lid-Deputat Prim Ministru, li huwa wkoll il-Kap ta' din il-Kamra, biex naġġornaw il-mod kif jopera l-Parlament, Parlament li jixraqlu li jiġi aġġornat proprju llum, li qegħdin fis-sena 2023.

Jiddispjaċini ngħid li llum, sena u nofs wara, għadu ma sarx kuntatt min-naħa tal-Gvern mal-Oppożizzjoni dwar din il-korrispondenza u għadna ma smajna xejn. Allura kif nistgħu nieħdu lill-Gvern bis-serjetà meta, pereżempju, niġu biex naġġornaw l-Ordnijiet Permanenti fir-rigward tal-mod kif qed tiġi trattata l-Oppożizzjoni? Illum jien qiegħed hawnhekk u nixtieq li meta għada pitgħada nispiċċa minn fuq dan is-siġġu misluf lili min-nies, inħares lura u ngħid li minkejja li kont fl-Oppożizzjoni, jien tajt kontribut biex l-Ordnijiet Permanenti jkunu jistgħu jiġu mtejba u din il-Kamra topera aħjar. L-Oppożizzjoni għandha titħalla tagħti kontribut, hi min hi l-Oppożizzjoni. Hawn qed nitkellem b'mod ġenwin għax minkejja li llum jien Membru tal-Oppożizzjoni, nixtieq nagħmel differenza. Għaliex in-naħa tal-Gvern se tibqa' tkaxkar saqajha meta qegħdin ngħidu li għandu jitwaqqaf kumitat permanenti tal-ġustizzja? Għaliex kellna nressqu private members' bill f'dan is-sens, wara li konna ilna sena u nofs li għamilna din it-talba?

Ilna sena u nofs nitolbu li darba fil-ġimgħa l-Prim Ministru jiġi hawn u jwieġeb id-domandi li jsiru lilu, kif isir fil-House of Commons. Ma nistgħux nikkwotaw dak li jsir fil-House of Commons fejn jaqblilna biss, għax hekk qed isir f'dan il-Parlament, u m'aħniex nindunaw! Anzi, aktar milli m'aħniex nindunaw, jien ngħid li l-Gvern hu komdu li jħalli kollox kif inhu! Il-Gvern hu komdu jibqa' jkaxkar saqajh għax hu għaddej. Għandu maġġoranza komda, u jaħseb li jista' jibqa' jinsulenta l-intelliġenza tan-nies.

Għalhekk, nixtieq verament li l-Gvern ma jibqax jipprova jgħaddina biż-żmien għax fil-verità mhux lilna qed jgħaddi biż-żmien. Il-Gvern ilu sena u nofs biex jibgħat għall-Oppożizzjoni u nkunu nistgħu nibdew nagħmlu dak li għandna nagħmlu. Fost affarijiet oħra, irridu naraw ukoll li nibdew nittrattaw l-Uffiċċju tal-Ombudsman bis-serjetà. L-Ombudsman huwa uffiċjal ta' din il-Kamra, huwa l-leħen taċ-ċittadin u huwa l-leħen tal-poplu Malti. X'qed jistenna l-Gvern biex jattwa din il-proposta? Forsi wieħed jgħidli li dejjem hekk sar. So what?! Illum l-Oppożizzjoni għandha madwar 11-il private member's bill imdendlin fuq ir-reġistru tal-mozzjonijiet. Jekk innaqqsu l-vaganzi tal-Milied, tal-Għid u tas-sajf, l-Oppożizzjoni tista' tressaq liġijiet f'din il-Kamra biss darbtejn fis-sena. Din hija aċċettabbli, Sur President? Tixraq lid-demokrazija ta' dan il-pajjiż? Tixraq lill-ogħla istituzzjoni? Mela aħna mhux ukoll għandna dritt li nressqu l-aġenda tagħna?

Ejjew ma nħallux sitwazzjoni fejn f'sena l-Oppożizzjoni jibqa' jkollha biss żewġ okkażjonijiet meta tkun tista' tressaq il-mozzjonijiet tagħha fil-ġurnata tal-Ħamis. Dak li qed jagħmel il-Gvern mhuwiex aċċettabbli u qed juri nuqqas ta' rispett lejn din il-Kamra. Minkejja li l-Gvern qed ikollu tliet xhur allokati għalih wara li tkun għaddiet il-ġurnata tagħna tal-Ħamis, qed jagħmel użu minnha. Minflok mhu qed iressaq abbozz ta' liġi fil-ġurnata li jkun imissu darba kull tliet xhur f'din il-Kamra, qed iħalli tliet xhur jgħaddu biex jagħlaq id-diskussjoni u ma jagħtix lok li jkollna diskussjoni sana minn din in-naħa tal-Kamra. Aħna ma rridux niġu hawnhekk biex insaħħnu s-siġġijiet!

Għaliex il-Gvern qed jibqa' jipprova joħnoqna? Aħna rridu nikkontribwixxu. (Onor. Membri: Hear, hear) Aħna l-Membri tal-Oppożizzjoni għandna obbligu lejn min ivvotalna, lejn min tana dan is-siġġu u, iva, irridu nagħmlu d-differenza. Huwa ġust?! U inti taf, Sur President, għax ilbieraħ inti stess semmejtha f'intervista mal-ġurnal *The Malta Independent*. U rrid nirringrazzjak għall-ħidma tiegħek, inkluż għall-mod kif mexxejt lil dan il-Parlament 'il quddiem.

Hawn ippermettili nirringrazzja wkoll lill-istaff kollu minn fuq s'isfel. Nirringrazzja lilek, Sur President, li tokkupa l-ogħla kariga, sal-inqas wieħed. Jien dejjem ngħid kemm nixtieq li ċ-Ċivil kollu jkollu ħaddiema effiċjenti daqskemm għandha din il-Kamra. Għaldaqstant għandi l-obbligu li nuri dan l-apprezzament. Mhux dejjem naqblu, u ġieli kkritikajniek ukoll fuq ċerti rulings fejn dehrilna li kellek tieħu deċiżjoni differenti, imma r-rispett għandu jibqa' hemmhekk. Għalhekk, inħoss li għandi l-obbligu li f'isem din in-naħa tal-Kamra, nirringrazzja lil kulħadd, anke lill-pulizija għax xi kultant ninsew li dawn in-nies ikunu hawnhekk 24 siegħa s-sena kollha, jiġifieri kważi kważi nistgħu ngħidu li jorqdu hawn. Bħalissa hawn preżenti l-Iskrivan tal-Kamra, l-assistenta tiegħu, numru ta' skrivani u l-messaġġiera. F'isem din in-naħa tal-Kamra għandi l-obbligu li nirringrazzjakom għall-ħidma tagħkom.

Sur President, inti taf li kellna issue. Bis-saħħa tal-kuntatt li l-Oppożizzjoni għamlet mal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, ġibna l-approvazzjoni u inti tajt l-approvazzjoni tiegħek

ukoll, għax din il-Kamra hija awtonoma u l-operat kif jaħdem l-Uffiċċju tiegħek huwa awtonomu. Aħna ma niġux quddiem il-HBC biex niddeċiedu jekk inti għandekx bżonn iżżid l-istaff, Sur President, għax dak inti tafu, u aħna rridu nirrispettaw id-deċiżjoni tiegħek mingħajr ma lanqas biss għandek għalfejn tiġi quddiemna. Kemm inti għamilt xogħlok kif ukoll il-Ministeru għall-Finanzi biex il-Kap tal-Oppożizzjoni ... U issa toqgħodx tgħidli li dejjem hekk sar għax aħna niġu hawnhekk biex intejbu l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema. Mela Alla jbierek, kull min għandu kariga kostituzzjonali kulħadd għandu xufier jew tnejn, u mbagħad il-Kap tal-Oppożizzjoni le. Issa seta' kien min kien il-Kap tal-Oppożizzjoni. Jekk dak li sar għaxar snin ilu kien ħażin, jien qiegħed hawn biex f'isem l-Oppożizzjoni nirranġa dak li kien ħażin filwaqt li ntejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol tax-xufier, hu min hu x-xufier.

Illum għandna sitwazzjoni f'dan il-Parlament u biex inkun ġust irrid ngħid li mhux bil-barka tiegħek, Sur President, jew inkella bil-barka tal-Ministeru għall-Finanzi, imma għandna l-Membri min-naħa tal-Gvern fil-HBC li mhumiex lesti li jtejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tax-xufier tal-Kap tal-Oppożizzjoni. Alla jbierek, il-Kap tal-Oppożizzjoni jrid jaħdem mit-Tnejn sal-Ħadd bl-istess persuna bħala xufier. Lanqas li kellu xi robot! X'fiha ħażin li ntejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol? Għax dan ix-xufier partikolari mhuwiex membru ta' xi union, dan ma jistax iwassal l-ilment tiegħu wkoll b'xi mod? Issa dan ix-xufier seta' kien min kien. Jekk qabel dejjem sar hekk, allura ħażin u ejjew nirranġawha!

Sur President, napprezza wkoll li f'okkażjonijiet bħal tas-*Sette Giugno*, inti tagħmel aċċenn għal dawk in-nuqqasijiet li inti taħseb illi għandhom jiġu rranġati. Meta se nuru maturità? Qabel ma telaq il-Whip tal-Gvern, jien għedtlu li kont se nagħmel intervent relatat ma' kif aħna nixtiequ li ntejbu l-operat ta' dan il-Parlament. Meta se nuru rispett lejn l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż? Meta se nuru maturità? Issa hawn jien mhu qed nirreferi għal ħadd u qed nitfa' lil kulħadd f'keffa waħda. Aħna rridu verament li din il-Kamra, li hi l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, tibda tiġi rispettata bis-serjetà min-nies? Mela ejjew naraw li bħala Oppożizzjoni wkoll ningħataw ħin xieraq biex inkunu nistgħu nressqu l-mozzjonijiet. Imbagħad ħalli ma jgħaddux meta niġu biex nieħdu l-voti.
Fl-aħħar mill-aħħar mhux il-Gvern imexxi?! Imma jekk hemm abbozzi ta' liġi li qed naqblu fuqhom, pereżempju bħal dak li jirrigwarda l-ħela tal-ikel li ressaq l-Onor. Ivan Bartolo, x'qed jistenna l-Gvern biex iressqu? Illum tkellimt mal-Whip tan-naħa tal-Gvern biex dan il-Private Member's Bill jgħaddi mill-Ewwel Qari, imma qalli li l-ewwel irid imur għand il-grupp parlamentari biex japprovah. Jien nistaqsi: Għaliex din il-burokrazija żejda? Tibqgħux tipprovaw tagħlqulna ħalqna għax aħna rridu naħdmu, ħbieb tiegħi!

Sur President, nittama li dik l-ittra li bħala Oppożizzjoni bgħatna fil-11 ta' Lulju ma tkomplix titħalla fuq l-ixkaffa mill-Gvern. Jekk il-Gvern verament jirrispetta l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, mela ejja naraw li malajr kemm jista' jkun naġġornaw l-Ordnijiet Permanenti, naġġornaw ir-regolamenti u nagħtu aktar spazju lill-Oppożizzjoni, li trid taħdem fl-interess ta' pajjiżna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Darren Carabott.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, l-ewwel nett ippermettili nibda dan l-intervent billi ningħaqad mal-Onor. Robert Cutajar li għadu kemm tkellem dwar il-fatt illi l-proposti u l-mozzjonijiet li jsiru minn din in-naħa tal-Kamra qed idumu biex jitressqu quddiem il-Parlament. Għalhekk, nirringrazzjah talli bħala Whip, tkellem fuq dan il-punt.

Qed nara wkoll lill-Onor. Graziella Attard Previ. Jien u l-Onor. Ivan Castillo ħdimna flimkien fuq private member's bill li jirrigwarda l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol però anke f'dan il-każ, għadna nistennew sabiex naraw li dik il-proposta titressaq quddiem il-Parlament. Hemm proposta oħra li ħdimt fuqha, li tirrigwarda d-dritt fundamentali tal-ambjent. Dan juri kemm, kuntrarjament għal dak li jgħid ħaddieħor, għandna Oppożizzjoni li tagħmel xogħolha u anke tressaq il-proposti. (Onor. Membri: Hear, hear)

Issa ħalli niġi għal dak li ġejt ippreparat biex nitkellem dwaru llum. Qabelxejn tajjeb li wieħed iħares lejn dak li ġara f'din il-Leġiżlatura u jara minn fejn tlaqna. Fl-ewwel diskors tiegħi hawnhekk, fost affarijiet oħra kont għedt li nixtieq li f'pajjiżna nerġa' nibda nara s-serħan tal-moħħ, in-normalità. U hawn, Sur President, ippermettili nitkellem dwar żewġ episodji. Ħalli

nibda minn dak li qed jiġri proprju fil-belt kapitali tagħna, il-Belt Valletta. Jien nixtieq li fil-Belt Valletta qed naraw qabża fil-kwalità. Nixtieq nara li kemm ir-residenti Beltin kif ukoll il-komunità kummerċjali jimxu 'l quddiem. Dak hu li nixtieq nara. Però sfortunatament, kemm ir-residenti Beltin kif ukoll il-komunità kummerċjali qed ibatu minħabba ċerti deċiżjonijiet żbaljati li qed jittieħdu minn min qed imexxi lil pajjiżna sabiex ftit nies jieħdu vantaġġ.

Hawnhekk se nirreferi għal avviż legali li kien tressaq f'din il-Kamra sabiex il-ħin li fih isir id-daqq tal-mużika fit-toroq tal-Belt Valletta jiġi estiż sas-1.00 a.m. Iva, fil-Belt Valletta hemm toroq li fihom huwa permess li l-mużika f'postijiet kummerċjali tibqa' għaddejja sas-1.00 a.m! Aħna bħala Oppożizzjoni konna ġejna hawnhekk u ppreżentajna mozzjoni biex dak l-Avviż Legali jaqa'. Konna spjegajna u tajna r-raġunijiet għaliex konna qed nikkontestaw dak l-Avviż Legali u għaliex kellu jaqa'. Illum il-ġurnata – issa din hija xi ħaġa li niddejjaq ngħidha – ġew fi kliemna! Illum hemm residenti kif ukoll sidien ta' ħwienet kummerċjali, ristoranti u lukandi li qed jgħidu li l-kwalità tal-ħajja jew inkella l-kwalità tax-xogħol tagħhom qed tonqos. Għaliex? Minħabba t-tip ta' deċiżjonijiet li qed jittieħdu fit-tmexxija.

Illum minflok ma qed naraw il-belt kapitali tagħna titjieb fil-kwalità, minflok ma qed narawha tingħata spinta ikbar mil-lat kulturali, minflok ma r-residenti qed ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar fil-lokalità tagħhom, u minflok mhu qed naraw lill-komunità kummerċjali tiġbed turisti ta' kwalità li qed jonfqu aktar, qed immorru f'direzzjoni fejn l-aħbarijiet dwar il-Belt Valletta qed ikunu dominati minn ġlied fit-toroq, u fejn postijiet kummerċjali qed jgħidu li kellhom jimpjegaw security persons għal aktar serħan il-moħħ. Fil-fatt fit-23 ta' Jannar ta' din is-sena l-ġurnal *The Times of Malta* rrapporta illi l-Prim Ministru stess stqarr li qed iħossu "not too comfortable to allow his daughter to walk alone in Valletta".

Sur President, x'ġara din is-sena? Issa jien m'iniex qed ngħid dan sabiex indaħħal xi element partiġjan, imma sabiex nara x'avvanzi, x'abbozzi ta' liġi, x'liġijiet, xi prekawzjonijiet u x'deċiżjonijiet ittieħdu matul din is-sena li waslet biex tispiċċa min-naħa tal-Gvern bil-għan li kemm jista' jkun ma nibqgħux nisimgħu b'aħbarijiet bħal dawn. Tafu x'rajna però? Rajna filmati ta' żgħażagħ jidħlu għall-ġlied fit-toroq tal-Belt Valletta. Dawn huma t-tip ta' aħbarijiet li qed nisimgħu!

Ta' min ifakkar li waqt diskussjoni li kellna f'dan il-Parlament f'Ġunju tas-sena l-oħra, il-Prim Ministru kien qalilna li ntlaħaq bilanċ. X'bilanċ hu?! Oħroġ u tkellem hemm barra u tara kif ma ntlaħaqx bilanċ, u kif il-kwalità tal-ħajja qed tonqos, kemm mil-lat residenzjali kif ukoll mil-lat kummerċjali.

Sur President, ippermettili wkoll nitkellem dwar kwestjoni oħra li hemm fil-lokalità ta' Santa Venera li nirrappreżenta jien. Jien kelli l-privileġġ li nservi fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għal disa' snin sħaħ u naf x'inhuma d-diffikultajiet li jeżistu f'dan ir-raħal għax ngħix hemmhekk. Fl-ewwel diskors tiegħi f'dan il-Parlament jien kont għedt ukoll li nixtieq nara kwalità ta' politiku aħjar billi, fost oħrajn, niġu hawnhekk u nitkellmu l-lingwa tan-nies.

Kemm-il darba smajnieha l-wegħda tat-tisqif tal-mini fi Triq Reġjonali f'Santa Venera? Ħalli nibda billi nagħmel elenku sena b'sena. Fl-2019 il-Ministru tal-ambjent ta' dak iż-żmien, l-Eks Ministru Josè Herrera – li ġie elett fuq dak id-distrett stess – flimkien mal-kunsilliera lokali tal-Partit Laburista kienu marru fuq il-pont u qalu li fi żmien erba' snin kellhom jissaqqfu dawn il-mini, jiġifieri suppost f'Lulju li għadda qtajna ż-żigarella tal-ispazju pubbliku li kellu jinbena fuq dawn il-mini. F'dawk l-akkwati jgħixu familji li jafu li minbarra s-sound pollution kbir li hemm, it-tniġġis tal-arja mill-eluf ta' vetturi li jgħaddu minn hemmhekk huwa perikoluż għal saħħithom.

Ilna nisimgħu sena wara l-oħra u elezzjoni wara l-oħra l-wegħda li se jissaqqfu dawn il-mini, fosthom mill-Eks Ministru Josè Herrera u l-Eks Ministru Edward Scicluna li kien qal li hemm il-fondi allokati mill-Baġit għal dan il-proġett. Imbagħad fis-sena 2021 l-Eks Ministru għall-Ambjent Aaron Farrugia qalilna li kien qed jesplora l-finanzjament tiegħu. Mela marru lura, għax filli qalu li kellhom il-fondi allokati mill-Baġit għal dan il-proġett u filli bdew jesploraw il-finanzjament ta' dan il-proġett ħalli jaraw jekk għandux isir kollu minn fondi pubbliċi jew inkella bi sħab mal-privat.

Issa, wara li għamilt mistoqsijiet parlamentari f'dan ir-rigward lill-Ministru għall-Ambjent preżenti, il-Ministru Miriam Dalli qaltli li l-

istudji tlestew però se jkollhom jagħmlu aktar studji għax se jbiddlu l-pjanti attwali. Jien nistaqsi: Kif jista' jkun li n-nies jibqgħu jemmnu u jħarsu lejn il-politiku bħala dik il-persuna li se ssolvilhom il-problemi meta sena wara sena, dan il-Gvern qed jibqa' jxejrilhom il-karrotta minflok ma jindirizza l-problema?! Mhux ta' b'xejn li llum għandhom nuqqas ta' fiduċja fil-politiku n-nies!

Sur President, nixtieq nikkonkludi l-intervent tiegħi b'appell. Ejjew inwaqqfu l-politika li nidħku u nużaw l-emozzjonijiet tan-nies sabiex nirbħu l-voti, u minflok immorru għal xi ħaġa konkreta, jiġifieri għal politiċi li tista' toqgħod fuq il-kelma tagħhom u temminhom. Nappella liż-żewġ naħat tal-Kamra biex bħala Membri Parlamentari ta' din il-Leġiżlatura nġibu ruħna b'mod li l-poplu jkollu fiduċja fina biżżejjed biex joqgħod fuq il-kelma tagħna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal għada t-Tlieta, 5 ta' Diċembru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

*Fis-7.27 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### FTEHIM BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA

**11891. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti li hemm li jirregolaw il-ftehim bejn il-Gvern u l-American University of Malta (AUM) ġaladarba l-art li qed tokkupa din l-Università hija art pubblika?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

### INFERMIERA BARRANIN LI APPLIKAW GĦAL RWOLI FI SKALI 1 SA 7

**11892. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm infermiera minn pajjiżi terzi (TCN), li applikaw għal rwoli fi skali 1 sa 7 fl-2023 u sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Kien hemm żewġ infermiera minn pajjiżi terzi li applikaw għal rwoli fi skala 7 fl-2023.

### INFERMIERA BARRANIN F'KARIGI FI SKALI 1 SA 7

**11893. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm infermiera minn pajjiżi terzi (TCN) li okkupaw karigi fi skali 1 sa 7, f'Lulju 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** F'Lulju 2023 kien hemm 12-il infermier minn pajjiżi terzi li okkupaw karigi fi skala 7.

**INFERMIERA BARRANIN F'KARIGI FI SKALI 1 SA 7**

**11894. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm infermiera minn pajjiżi terzi (TCN) f'kull skala minn 1 sa 7, f'Awwissu 2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** F'Awwissu 2023 kien hemm 12-il infermier minn pajjiżi terzi fi skala 7.

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11931. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Fil-każ tal-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza t-tweġiba hija fin-negattiv.

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11932. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ma ngħata l-ebda kuntratt lill-kumpanija msemmija.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11933. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tagħha tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Mill-bidu tal-leġiżlatura sal-lum, fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża kien hemm entità waħda li xtrat servizz mingħand il-kumpanija li d-dettalji tagħha ngħataw separatament. Din kienet il-kumpanija Enemed u s-servizz kien jikkonsisti f'kors ta' taħriġ li sewa €2,000.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11934. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-informazzjoni mitluba hi skont hawn taħt:

Awtorità – Malta Financial Services Authoriy
Data – 28.04.2023
Natura tax-Xogħol - ICDL Course
Valur – €600

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11935. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru

tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-ebda entità fi ħdan id-dekasteru tiegħi ma tat xi forma ta' kuntratt jew ftehim ta' servizzi/xogħol/konsulenza lill-kumpanija msemmija.

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - SERVIZZI TA' KUMPANIJA PRIVATA**

**11936. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi entità fi ħdan id-dekasteru tiegħu tatx xi forma ta' kuntratt, jew ftehim, ta' servizzi/xogħol/konsulenza eċċ. lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, liema entità, meta u kemm swiet?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** F'din il-leġiżlatura ma ngħataw l-ebda kuntratti lill-kumpanija msemmija.

**TRANSPORT MALTA – SPEZZJONIJIET FUQ VETTURI BIL-Y-PLATE**

**12973. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex isiru spezzjonijiet minn uffiċjali ta' Transport Malta sabiex jassiguraw li l-vetturi bil-Y-Plate huma miżmuma f'kundizzjoni tajba u fi stat tajjeb ta' ndafa?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** L-uffiċjali ta' Transport Malta regolarment jispezzjonaw vetturi tal-kategorija msemmija sabiex jiżguraw li jkunu miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13280. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, l-2021 u l-2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13281. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, l-2021 u l-2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13282. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, l-2021 u l-2022? Tista' tgħid ukoll liema kienu u tagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13283. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-

Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, l-2021 u l-2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13284. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, l-2021 u l-2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13285. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu matul l-2020, l-2021 u l-2022? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**GOZO CHANNEL – AUDITED ACCOUNTS**

**13419. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-audited accounts għas-sena 2022 tal-kumpanija Gozo Channel (Holding) Company Ltd?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** L-audited accounts tas-sena 2022 għadhom qed jinħadmu u ma jistgħux jiġu sottomessi.

**GOZO CHANNEL – AUDITED ACCOUNTS**

**13420. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-audited accounts għas-sena 2022 tal-kumpanija Gozo Channel (Operations) Ltd?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** L-audited accounts għas-sena 2022 tal-kumpanija Gozo Channel (Operations) Ltd għadhom m'għaddewx mill-proċessi neċessarji biex jiġu approvati u eventwalment ippubblikati mill-MBR. Għaldaqstant il-kumpanija għadha mhix f'pożizzjoni li tippubblika dawn l-accounts.

**ENEMALTA – RAPPORTI TA' UNDERVOLTAGE JEW OVERVOLTAGE**

**13421. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport ta' undervoltage jew overvoltage rċeviet l-Enemalta matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari lokalità b'lokalità ġewwa Għawdex, maqsuma xahar b'xahar? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx xi pjan biex titranġa s-sitwazzjoni?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li l-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13418 u nżid li matul din is-sena, l-Enemalta diġà wettqet xogħlijiet ta' rinfurzar li indirizzaw rapporti ta' varjanza fil-vultaġġ f'lokalitajiet differenti f'Għawdex permezz ta' substations ġodda, upgrades f'substations eżistenti, u feeders ġodda, fosthom fin-Nadur u Għajnsielem.

**GĦAWDEX U KEMMUNA – BEJGĦ U KIRI TA' ART PUBBLIKA**

**13422. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda

tal-Kamra l-lista ta' artijiet pubbliċi li nbiegħu jew inkrew lil terzi mill-Awtorità tal-Artijiet ġewwa Għawdex u Kemmuna u jindika fejn, mit-8 ta' Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jindika għal kull art jekk inkrietx jew inbigħetx, permezz ta' liema proċess sar il-kiri jew il-bejgħ u lil min ingħataw, u għall-artijiet li nkrew jgħid kemm hija l-kirja li titħallas fis-sena, u għall-artijiet li nbiegħu jgħid kemm kienet is-somma li l-Gvern irċieva għal tali bejgħ? Jista' jgħid ukoll fil-preżent kemm hemm talbiet pendenti għall-bejgħ jew kiri u fejn jinsabu?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex ikun aktar speċifiku fit-talba tiegħu peress li kif inhi tirrikjedi ammont konsiderevoli ta' ħin u riżorsi sproporzjonati sabiex tinġabar, anke peress li l-maġġoranza tar-rekords huma manwali.

## FTEHIM DWAR PROPRJETÀ IMMOBBLI

**13423. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsistu n-negozjati u għala qed isiru bejn il-Gvern u s-Santa Sede dwar ftehim ġdid li jirregola l-proprjetà immobbli li l-Knisja Kattolika għaddiet lill-Istat Malti fl-1991?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** In-negozjati bejn il-Gvern u s-Santa Sede dwar Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim tal-1991 bejn iż-żewġ partijiet dwar propjetà immobbli li l-Knisja Kattolika għaddiet lill-Istat Malti bdew fl-14 ta' Frar 2023 wara t-talba min-Nunzjatura Appostolika tas-Santa Sede f'Malta. L-għan ta' dawn in-negozjati huwa li jinstabu soluzzjonijiet għall-kwestjonijiet pendenti u diffikultużi fl-implimentazzjoni tal-ftehim tal-1991. Għan ewlieni ieħor huwa li jitqiesu r-realtajiet preżenti tal-pajjiż, 30 sena wara li ġie ratifikat il-ftehim.

## CONSTRUCTION AND EXTENSION OF MARSAMXETT FERRY LANDING PLACE

**13424. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10573 u 11486 u jinforma lill-Kamra dwar is-sejħa IMT014/2022 'Construction and Extension of Marsamxett Ferry Landing Place including the Construction of the Breakwater, Slipway, Jetty, Boat Hardstanding Area, Waiting Facilities, Gangways and Fenders' u jgħid fiex wasal il-proċess ta' aġġudikazzjoni? Jista' jgħid ukoll minn min huma fformati t-tliet joint ventures li tefgħu l-offerta? Jista' jgħid jekk dan il-proġett huwiex se jkun iffinanzjat minn xi programm tal-Unjoni Ewropea u jekk iva, minn liema programm u minn liema baġit u meta hu ppjanat li jitlesta dan ix-xogħol?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Dan il-proġett m'għadux fost il-prijoritajiet tal-Gvern u għaldaqstant ma baqax fil-programm preżenti ta' ħidma tal-Gvern.

## PULMONARY FUNCTION LAB – APPUNTAMENTI

**13677. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, sena b'sena, mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appuntamenti fil-Pulmonary Function Lab?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta' attendenzi ġewwa l-Pulmonary Function Lab fl-Isptar Mater Dei fid-data mitluba kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of outpatient attendances** |
|---|---|
| **Sena** | **Pulmonary function lab clinics MDH** |
| 2012 | 5915 |
| 2013 | 6366 |
| 2014 | 5616 |
| 2015 | 6501 |
| 2016 | 7397 |
| 2017 | 7521 |
| 2018 | 7443 |
| 2019 | 7059 |
| 2020 | 3064 |
| 2021 | 5820 |
| 2022 | 6009 |
| Jan-Ott 2023 | 4967 |

## SURGICAL OUTPATIENTS – APPUNTAMENTI

**13678. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' appuntamenti li kien hemm fis-Surgical Outpatients mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta' attendenzi ġewwa s-Surgical Outpatients fl-Isptar Mater Dei fid-data mitluba minnha kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of outpatient attendances** |
|---|---|
| **Sena** | **SOP clinics MDH** |
| 2018 | 46,725 |
| 2019 | 52,906 |
| 2020 | 37,439 |
| 2021 | 52,442 |
| 2022 | 56,834 |
| Jan-Ott 2023 | 50,206 |

## OUTPATIENTS DEPARTMENT – ANOMALY SCAN UNIT – APPUNTAMENTI

**13679. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' appuntamenti li kien hemm fl-Outpatients Anomaly Scan Unit mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta' attendenzi ġewwa l-Outpatients Department – Anomaly Scan Unit fl-Isptar Mater Dei fid-data mitluba minnha kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of outpatient attendances** |
|---|---|
| **Sena** | **Anomaly scan clinics MDH** |
| 2018 | 3227 |
| 2019 | 3437 |
| 2020 | 3136 |
| 2021 | 3529 |
| 2022 | 3929 |
| Jan-Ott 2023 | 3385 |

## ANTENATAL AND GYNAE OUTPATIENTS – APPUNTAMENTI

**13680. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' appuntament fl-Antenatal and Gynae Outpatients (GOP) mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta' attendenzi ġewwa l-GOP clinics fl-Isptar Mater Dei fid-data mitluba minnha kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of outpatient attendances** |
|---|---|
| **Sena** | **GOP clinics MDH** |
| 2018 | 33,563 |
| 2019 | 36,368 |
| 2020 | 29,884 |
| 2021 | 36, 410 |
| 2022 | 38,607 |
| Jan-Ott 2023 | 35,323 |

## MEDICAL OUTPATIENTS 2: DIABETES AND ENDOCRINE CENTRE – APPUNTAMENTI

**13681. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' appuntament fl-Outpatients Diabetes and Endocrine Centre/MOP2 mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta' attendenzi ġewwa l-Medical Outpatients 2 - Diabetes and Endocrine Centre fl-Isptar Mater Dei fid-data mitluba minnha jinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of outpatient attendances** |
|---|---|
| **Sena** | **MOP2 clinics MDH** |
| 2018 | 22,154 |
| 2019 | 25,447 |
| 2020 | 15,223 |
| 2021 | 20,351 |
| 2022 | 24,928 |
| Jan-Ott 2023 | 24,860 |

## MEDICAL OUTPATIENTS 3 – APPUNTAMENTI

**13682. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' appuntamenti fil-Medical Outpatients 3 (MOP3) mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta' attendenzi ġewwa l-Medical Outpatients 3 fl-Isptar Mater Dei fid-data mitluba minnha jinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | Number of outpatient attendances |
|---|---|
| Sena | MOP3 clinics MDH |
| 2018 | 21,218 |
| 2019 | 23,689 |
| 2020 | 16,915 |
| 2021 | 16,966 |
| 2022 | 23,631 |
| Jan-Ott 2023 | 26,044 |

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – DIRECT ORDERS

**13749. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u tgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS

**13750. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS

**13751. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – DIRECT ORDERS

**13752. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – DIRECT ORDERS

**13753. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub, u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – DIRECT ORDERS

**13754. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tad-direct orders li ngħataw matul is-sena 2023 u jgħid ukoll l-ammonti mħallsa, is-servizz provdut jew mitlub u lil min ingħataw dawn id-direct orders?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL LI SE JITWETTAQ MILL-MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

**13809. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8502 fejn intqal li "x-xogħol fuq dan il-proġett mistenni jibda wara s-sajf", jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jibda l-proġett fi Triq San Publiju, f'San Pawl il-Baħar?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ix-xogħol fuq il-proġett diġà beda.

## SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – LINJI TAT-TOROQ ĠODDA

**13810. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar awtorizzax li jsiru linji tat-toroq ġodda fi Triq San Publiju (fil-parti bejn Triq San Ġużepp u Triq San Franġisk), f'San Pawl il-Baħar, hekk kif jidher li ser isir xi xogħol jew proġett f'din iż-żona? Fiex jikkonsisti x-xogħol jew proġett li minħabba fih saru dawn il-linji?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-linji tat-toroq ġodda kkonċernati saru bl-awtorizzazzjoni tal-istess Kunsill sabiex ikun jista' jsir il-'hoarding' minħabba l-proġett ta' tisbiħ fiż-żona.

## FIAU – ĦLAS LIL MEDIA HOUSES

**13829. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħlas kollu li għamel il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) lil media houses lokali u internazzjonali matul is-snin 2020, 2021, 2022 u bejn Jannar 2023 u t-23 ta' Novembru 2023? Kemm kien il-ħlas, ta' xiex kien, min approvah u x'servizz ingħata?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

## BANK ĊENTRALI TA' MALTA – ĦLAS LIL MEDIA HOUSES

**13830. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħlas kollu li għamel il-Bank Ċentrali ta' Malta lil media houses lokali u internazzjonali matul is-snin 2020, 2021, 2022 u bejn Jannar 2023 u t-23 ta' Novembru 2023? Kemm kien il-ħlas, ta' xiex kien, min approvah u x'servizz ingħata?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**BORŻA TA' MALTA – ĦLAS LIL MEDIA HOUSES**

**13831. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħlas kollu li għamlet il-Borża ta' Malta lil media houses lokali u internazzjonali matul is-snin 2020, 2021, 2022 u bejn Jannar 2023 u t-23 ta' Novembru 2023? Kemm kien il-ħlas, ta' xiex kien, min approvah u x'servizz ingħata?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti.

**SAN PAWL IL-BAĦAR U L-QAWRA – BIDLIET STRUTTURALI / ESTENSJONIJIET FL-ISKEJJEL PRIMARJI**

**13864. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13386 u jgħid jekk hux mistenni li jkun hemm ħtieġa ta' bidliet strutturali/estensjonijiet fl-iskejjel primarji ta' San Pawl il-Baħar u tal-Qawra rispettivament? Jekk iva, x'xogħol hu mistenni li jkun meħtieġ u meta hu mistenni li dan l-istess xogħol ikun jista' jinbeda?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**SKEJJEL MHUX TAL-ISTAT**

**13865. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13389 u jgħid kemm hemm skejjel li mhumiex tal-Istat li huma liċenzjati biex fihom isir it-tagħlim, liema huma u fejn jinsabu? Minbarra l-iskejjel li jagħtu tagħlim fil-livell primarju u sekondarju, jista' jgħid kemm hawn skejjel tal-lingwi li għandhom liċenzja biex jagħtu dan it-tagħlim? Jista' jgħid ukoll kemm hawn istituzzjonijiet li qed jagħtu edukazzjoni fil-livell post sekondarju u terzjarju u kemm minn dawn huma Maltin u kemm mhumiex Maltin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**IL-MELLIEĦA – SKOLA PRIMARJA**

**13866. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13388 u jgħid jekk il-Ministeru biddilx il-pjanijiet tiegħu għal dak li jikkonċerna l-estensjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa? Jekk iva, jista' jgħid fiex ser ikunu qed jikkonsistu dawn il-bidliet fil-pjanijiet għal din l-estensjoni?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Apparti l-pjanijiet għal estensjoni tal-iskola primarja tal-Mellieħa kif approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, għaddejjin konsultazzjonijiet għall-bini mill-ġdid tal-iskola primarja u mistennija wkoll xi estensjonijiet fiż-żona ppjanata għall-parkeġġ.

**INVESTIMENT GĦAL BAJJIET BIEX JIŻDIEDU AKTAR FAĊILITAJIET**

**13867. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13595 u jgħid liema bajjiet hu mistenni li jsir investiment fihom matul is-sena 2024 biex jiżdiedu aktar faċilitajiet fl-istess bajjiet? Jista' jgħid ukoll għal liema xogħol diġà ġew sottomessi applikazzjonijiet ta' żvilupp jekk tali permessi huma meħtieġa?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Bħalissa qed issir analiżi mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu biex jiġu identifikati liema bajjiet jista' jsir titjib fil-faċilitajiet tagħhom.

It-Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) ser tagħmel xi xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Bajja taż-Żejtun u ser jibda l-proġett tal-upgrading tal-belveder ta' Triq San Patrizju, Birżebbuġa, magħruf bħala Wied il-Buni. Il-permess meħtieġ diġà ħareġ u s-sejħa għall-offerti tinsab fis-suq.

**VERAĊITÀ TA' DOKUMENTI – STALEL TAŻ-ŻWIEMEL**

**13872. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-

Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12702 u ċjoè: Peress illi biex ikun hemm żvilupp ta' stalel taż-żwiemel f'żoni barra mill-iżvilupp hija meħtieġa dikjarazzjoni uffiċjali tas-sjieda jew reġistrazzjoni taż-żwiemel, u fid-dawl ta' lakuni li jistgħu jwasslu għall-iżvilupp ta' diversi stalel irreġistrati fuq żiemel/żwiemel li ma jkunux sidien tagħhom, jista' l-Ministru jgħid jekk tkunx mistħarrġa l-veraċità tad-dokumenti preżentati fir-reġistrazzjoni taż-żiemel/żwiemel? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid kif tkun iċċekkjata l-veraċità tad-dokumenti? Jekk le, jista' jgħid għalfejn dawn ma jiġux iċċekkjati, meta jistgħu jwasslu għal abbużi?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Kull permess għall-iżvilupp relatat ma' stalel taż-żwiemel ikun suġġett għal konsultazzjoni mad-Direttorat għar-Regolamentazzjoni Veterinarja (VRD) fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, li huwa l-Awtorità kompetenti f'dan il-qasam. Il-VRD iżomm reġistru ta' żwiemel u s-sidien tagħhom li jiġi kkonsultat fil-proċess tal-applikazzjoni għall-iżvilupp. Fil-proċess ta' reġistrazzjoni taż-żwiemel, il-VRD jagħmel il-kontrolli neċessarji tad-dokumenti li jkunu mitluba bħala parti mill-proċess sabiex tkun żgurata il-veraċità tagħhom.

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SEJĦIET GĦAL AVUKATI INTERNI

**13873. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12571 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DOKUMENTI DISPONIBBLI GĦALL-PUBBLIKU

**13874. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Fid-dawl li fuq il-website tal-Awtorità tal-Ippjanar (EApps) il-pubbliku inġenerali huwa projbit milli jara numru ta' dokumenti sottomessi minn applikanti, awtoritajiet u partijiet terzi meta ssir applikazzjoni għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji li abbażi tagħhom ikun deċiż x'dokumenti jintwerew lill-pubbliku?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-kriterji li abbażi tagħhom ikun deċiż x'dokumenti jintwerew lill-pubbliku huma dawk li tippermetti l-liġi.

## BCA – STOP WORK NOTICE

**13875. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'dettalji tipprovdi l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) lill-iżviluppaturi meta twaqqaf xogħlijiet ta' kostruzzjoni permezz ta' Stop Work Notice?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Meta l-Permitting Section tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni toħroġ Stop Work Notice tipprovdi informazzjoni skont kull każ partikolari, li jistgħu jkunu, fost oħrajn, dwar assigurazzjoni skaduta, verifika aġġornata ta' method statement, nuqqas ta' condition reports lil terzi, ħsarat li jkunu qed isiru lil terzi u każijiet oħra.

Barra minn hekk, meta Stop Work Notice tinħareġ mis-Sezzjoni tal-infurzar minħabba ksur tar-regolamenti, din ikollha dettalji dwar żmien stipulat għal rimedju min-naħa tal-iżviluppatur u l-ammont ta' penali meta jkun il-każ.

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – PERMESSI TA' ŻVILUPP FUQ ART PUBBLIKA JEW TAL-GVERN

**13876. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jipprovdi elenku, bin-numri tal-PA u deskrizzjoni tal-każijiet fejn kien hemm approvazzjoni ta' permessi tal-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq art pubblika jew tal-Gvern li, in segwitu, l-Awtorità tal-Artijiet ma tatx l-approvazzjoni tagħha għat-talba li saritilha għal encroachment, kera, ċens, jew konċessjoni?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Biex tingħabar l-informazzjoni mitluba tirrikjedi ammont konsiderevoli ta' ħin u riżorsi sproporzjonati. Għalhekk, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tkun aktar speċifika fit-talba tagħha u tindika l-każijiet partikolari.

## VERIFIKAZZJONI U REĠISTRAZZJONI TA' PROPRJETÀ

**13877. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7650, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi u l-istadju li wasal fih il-proċess inkwistjoni li jinvolvi verifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' proprjetà li d-dettalji tagħha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll meta se jkun iffinalizzat il-proċess?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-applikazzjoni relatata mal-file msemmi għadha fil-proċess ta' evalwazzjoni u għaldaqstant ma tistax tingħata data meta din ser tkun finalizzata peress li kull applikazzjoni tieħu ż-żmien tagħha sakemm issir ir-riċerka u l-verifikazzjonijiet meħtieġa.

## POYC – PAZJENTI REĠISTRATI

**13905. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru ta' pazjenti li huma reġistrati għall-Pharmacy of Your Choice (POYC) ma' kull spiżerija f'Malta u Għawdex?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** In-numru ta'pazjenti li huma reġistrati għall-Pharmacy of Your Choice f'Malta u Għawdex huwa ta' 183,002.

## POYC – ĦLAS LILL-ISPIŻERIJI

**13906. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm tħallset kull spiżerija f'Malta u Għawdex għax-xogħol tal-Pharmacy of Your Choice (POYC) fil-komunità fis-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni mitluba minnu tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Pharmacy Of Your Choice** | | | |
|---|---|---|---|
| **Pharmacy Fees and MURs paid** | | | |
| | **2021** | **2022** | **2023** |
| **Pharmacy fees** | €7,792,228.72 | €14,872,158.28 | €14,880,703.14 |
| **Medicine User Reviews** | | | €1,111,486.73 |

## MEDICINES USE REVIEW – ĦLAS LILL-ISPIŻERIJI

**13907. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm tħallset kull spiżerija f'Malta u Għawdex għax-xogħol tal-Medicines Use Review (MUR) fil-komunità fis-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13906.

## AIMS – IMPJEGATI – SALARJI U PERKAĊĊI

**13908. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476 u 13638 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## SAN PAWL TAT-TARĠA – TORRI TAL-KAPTAN

**13921. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-

Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13649, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb jew deċiżjonijiet li jridu jiġu meħuda biex it-Torri tal-Kaptan f'San Pawl tat-Tarġa jiġi ppreservat mill-elementi biex ma jkomplix jaqa' u mbagħad jiġi kkonservat u rrestawrat ukoll?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

**IL-ĠGANTIJA – APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS TA' BINI**

**13922. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13647, jista' l-Ministru jindika taħt liema regolamenti jew liġi l-Minuti tal-Kumitat Tekniku Nazzjonali tal-Wirt Dinji huma allegatament ipprivileġġjati?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Bl-istess mod li f'diversi tweġibiet li ngħataw matul is-snin minn Ministri varji tad-diversi amministrazzjonijiet b'referenza għal talbiet li setgħu saru dwar pubblikazzjonijiet ta' minuti ta' bordijiet varji (mhux neċessarjament dan il-kumitat).

**PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS TAL-MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**13923. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430, 12665, 12996, 13194, 13465 u 13708 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-iSpazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL – THE GOLDEN BEE AWARDS – LUXURY BOAT U VIPS ABBORD**

**13924. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431, 12666, 12997, 13195, 13464 u 13707 u jgħid x'kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee awards? X'inhu l-isem tad-dgħajsa u ta' min hi? Jista' jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f'Manoel Island biex tkun tista' tittrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista' jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b'kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – MEMBRI**

**13925. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 13433 u 13634 u jipprovdi lista tal-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet għal kull sena għall-perjodu 2016-2023 għal kull waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- Rappreżentant mill-Università ta' Malta;
- Rappreżentant mill-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija;
- Rappreżentant tal-Jobsplus;
- Rappreżentant mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi;
- Rappreżentant mill-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta;
- Rappreżentant mill-Malta Enterprise;
- Rappreżentant tas-soċjetà ċivili;
- Rappreżentant minn fost speċjalisti tat-tagħlim tul il-ħajja;
- Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni;
- Erba' persuni oħra li għandhom kwalitajiet ta' tmexxija, u li jifhmu l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol fil-kuntest ta' soċjetà miftuħa, demokratika, ġusta, prospera u inklużiva?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**RAĦAL ĠDID – PACE GRASSO GROUND – ŻBIR TA' SIĠRA**

**13928. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11554, 11555 u 11556, jista' l-Ministru jara li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex is-siġra li tinsab f'art tal-eks grawnd tal-futbol Pace Grasso tiġi miżbura?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

**RAĦAL ĠDID – PACE GRASSO GROUND – ŻBIR TA' SIĠRA**

**13929. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11554, 11555 u 11556, jista' l-Ministru jara li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex is-siġra li tinsab f'art tal-eks grawnd tal-futbol Pace Grasso tiġi miżbura?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ IN-NOFSINHAR – TISWIJIET FIĊ-ĊANGATURA**

**13930. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12942 jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet indikati minnu sabiex issir it-tiswija taċ-ċangaturi fi Triq in-Nofsinhar, fil-Belt Valletta?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Sar survey minn uffiċjali ta' Infrastructure Malta u qed jitħejja rapport biex tittieħed azzjoni.

**IL-FGURA – VJAL KOTTONER - XOGĦLIJIET**

**13931. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12943 jista' l-Ministru jgħid b'mod aktar speċifiku x'xogħol se jsir fi Vjal Kottoner, fil-Fgura, billi Triq San Tumas tinsab 'il bogħod minnha?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fi Vjal Kottoner, il-Fgura ser isiru xogħlijiet ta' tqegħid ta' servizzi u bini mill-ġdid tat-triq u l-bankini.

**KUMMISSJONI PERMANENTI KONTRA L-KORRUZZJONI – KAŻIJIET PENDENTI**

**13932. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11294 u 12948 u jgħid kemm kien hemm każijiet pendenti quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni sal-aħħar tas-sena 2022?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sal-aħħar tal-2022 kien hemm tliet każijiet pendenti quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni.

**GĦALLIEMA FL-ISKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI**

**13950. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema li qed jgħallmu fl-iskejjel primarji u fl-iskejjel sekondarji sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jgħid kemm minnhom huma għalliema kwalifikati u kemm minnhom huma supply? Fir-rigward tal-għalliema (kwalifikati u dawk supply) fl-iskejjel sekondarji, jista' jindika ta' liema suġġetti huma? Jista' jgħid ukoll kemm klassijiet fl-iskejjel primarji u kemm klassijiet fl-iskejjel sekondarji jinsabu mingħajr għalliema għal kull suġġett?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**TRANSPORT MALTA – ĦATRA TA' DIRETTUR FID-DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ U TRAFFIC MANAGEMENT**

**13951. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma illi fid-Dipartiment tas-Sigurtà u Traffic Management fi ħdan Transport Malta għadha kif inħatret persuna fil-pożizzjoni ta' Direttur wara li kienet ħarġet sejħa interna, iżda din il-persuna nħatret direttament minn barra billi ġiet trasferita mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) mingħajr ma setgħet tapplika għal dan ir-rwol u mingħajr ma saru interviews lil min applika internament?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**TRANSPORT MALTA – IMPJEGATI TAĦT INVESTIGAZZJONI**

**13952. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm hemm impjegati fi Transport Malta illi ġew jew qed jiġu investigati mill-Pulizija u/jew mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u mill-Human Resources tal-awtorità mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-pożizzjoni u l-grad tagħhom u kemm ilhom impjegati mal-Awtorità? Jista' jgħid x'inhu/x'inhuma l-każ/każijiet li fuqu/fuqhom ġew/qed jiġu investigati?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL – SPIŻA**

**13954. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116, 12664, 12995, 13193, 13466, u 13709 u jagħti breakdown dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi break down finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' break down finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – TRASFERIMENTI TA' DIPARTIMENTI/TAQSIMIET**

**13958. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13863 jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm-il dipartiment jew taqsima fid-dekasteru tiegħu ġew jew hemm diġà arranġamenti biex jiġu trasferiti taħt aġenzija u/jew awtorità li mhijiex fid-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Mill-2013 kien hemm tliet aġenziji li ġew iffurmati u li l-uffiċċji f'Għawdex sussegwentement ġew integrati ma' dawn l-aġenziji. Dawn kienu Libreriji, il-Qrati t'Għawdex u l-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet.

**ARMADA LNG MEDITERRANA – SKEDA TA' MILI TA' GAS**

**13964. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tippubblika l-iskeda ta' meta saru x-ship-to-ship transfers matul l-2022 u l-2023 sabiex jimtela bil-gass l-Armada LNG Mediterrana li jservi bħala FSU fil-port ta' Marsaxlokk, u f'kull każ kemm ġie reġistrat li ġie trasferit LNG?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-iskeda ta' meta saru x-ship-to-ship transfers fl-2022 u fl-2023 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin ta' Tqegħid ta' Karti. L-informazzjoni ulterjuri mitluba hija ta' natura kummerċjalment sensittiva.

**ARMADA LNG MEDITERRANA – SKEDA TA' MILI TA' GAS**

**13965. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jippubblika l-iskeda ta' meta saru x-ship-to-ship transfers matul l-2022 u l-2023 sabiex jimtela bil-gass l-Armada LNG Mediterrana li jservi bħala FSU fil-port ta' Marsaxlokk, u f'kull każ kemm ġie reġistrat li ġie trasferit LNG?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**IL-FGURA – SKOLA PRIMARJA A – TENDERS U KWOTAZZJONIJIET**

**13966. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm ħarġu tenders / kwotazzjonijiet marbuta ma' xogħlijiet fl-Iskola Primarja A tal-Fgura u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull dokument tal-offerta kemm jekk tender u anke jekk kwotazzjoni li ġew ppubblikati f'dan iż-żmien?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Matul il-perjodu msemmi kien hemm total ta' 24 tender/kwotazzjoni fl-iskejjel Primarja A u B tal-Fgura.

**IL-FGURA – SKOLA PRIMARJA B – TENDERS U KWOTAZZJONIJIET**

**13967. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'dawn l-aħħar għaxar snin kemm ħarġu tenders/kwotazzjonijiet marbuta ma' xogħlijiet fl-Iskola Primarja B tal-Fgura u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull dokument tal-offerta kemm jekk tender u anke jekk kwotazzjoni li ġew ppubblikati f'dan iż-żmien?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 13966.

**IL-FGURA – SKOLA PRIMARJA – PALK TAS-SALA PRINĊIPALI**

**13968. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma li l-palk tas-Sala tal-Iskola Primarja A/B tal-Fgura huwa sigur sabiex jintuża skont il-bżonn tal-iskola? Jista' jgħid ukoll x'manutenzjoni saret fuq dan il-palk f'dawn l-aħħar għaxar snin u jipprovdi ċertifikazzjoni riċenti mingħand persuna awtorizzata u kompetenti fejn jiddikjara li dan il-palk huwa sigur sabiex jintuża u jitilgħu fuqu t-tfal?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**IL-FGURA – SKOLA PRIMARJA – ATTENDENZA BREAKFAST CLUB**

**13969. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti jattendu kuljum għall-Breakfast Club fl-iskejjel A/B tal-Fgura?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**IL-FGURA – SKOLA PRIMARJA – FAĊILITAJIET BREAKFAST CLUB**

**13970. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'faċilitajiet hemm fl-Iskola Primarja A/B tal-Fgura bħal kċina u faċilitajiet oħrajn relattivi għal dawk l-istudenti li jattendu l-Breakfast Club? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex minnu li dawn l-istudenti, peress li m'għandhomx fejn jieklu, qed jittieħdu jieklu fil-Gym tal-Iskola?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

**TRIQ TAS-SEJBA – MOBILE TRUCK WASH**

**13996. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li

makkinarju li qed iġorr materjal min-naħa ta' wara tal-mitjar li jagħti għal fuq Triq tas-Sejba jarmaw mobile truck wash biex jaħslu t-tires tal-vetturi qabel joħorġu mill-mitjar sabiex ma jimlewx it-toroq tal-madwar bit-tajn, fosthom Triq tas-Sejba li għadha kemm ġiet mogħtija t-tarmak?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**13997. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Prim Ministru, u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-informazzjoni hi kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Agius David | Manager HR | Malta Freeport |
| Attard Previ Graziella | Senior Social Worker I | Aġenzija Sapport |
| Azzopardi Charles | Teacher | Education Division |
| Bartolo Ivan | Senior Clerk | Jobsplus |
| Bezzina Toni | Senior Architect & Civil Engineer | Public Works Department |
| Buttigieg Albert | Senior Manager | Foundation for Educational Services |
| Callus Ryan | Environment Protection Officer | Environment & Resources Authority |
| Castillo Ivan | Principal Technical Officer | Enemalta |
| Chetcuti Janice | Instructor | Animal Health & Welfare, MAFA |
| Cutajar Robert | Officer in Grade 9 in the General Service Class | Animal Welfare Directorate |
| Galea Graziella | Senior Architect | Infrastructure Malta |
| Schembri Justin | Teacher | Examinations Department |
| Vassallo Ian | Senior Allied Health Professional (Podiatry) | Mater Dei Hospital |

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**13998. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fi-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli d-Deputat Prim Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**13999. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14000. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji

fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14001. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14002. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-Deputati tal-Oppożizzjoni li huma impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess maġġoritarju u ta' kontroll, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn qegħdin iservu u l-kariga li jokkupaw?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13997.